IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2024
COM(2024) 569 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT

Werrej

1. Introduzzjoni 2

1.1. Żvilupp tas-sistema tar-riżorsi proprji 2

1.2. Il-qafas tal-VAT sar-riforma tal-2021 3

1.3. Ir-riforma tal-2021 4

Kalkoli simplifikati 4

Kontrolli mmirati 5

2. L-effettività tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT 6

2.1. Evoluzzjoni tal-bażijiet tar-riżorsa proprja tal-VAT 6

2.2. Ġbir ta' dħul mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT 12

2.3. Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE 15

Evoluzzjoni tar-riżervi pendenti mill-2016 sal-2022 15

Evoluzzjoni tal-ksur fir-rigward tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT mill-2016 sal-2022 17

2.4. Feedback mill-Istati Membri 19

2.5. Konklużjoni 21

3. Evoluzzjoni tar-rata medja ponderata mill-2016 22

3.1. Evoluzzjoni tar-rata medja ponderata: 2016-2020 22

3.2. Evoluzzjoni tar-rata medja ponderata: Stima għall-2021-2024 23

3.3. Konklużjoni tal-analiżi tar-rata medja ponderata 26

4. Konklużjoni 26

Anness 27

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni ngħatat il-kompitu li tipproduċi rapport dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) sal-1 ta' Jannar 2025. Bil-liġi[1], ir-rapport irid jinkludi "*valutazzjoni dwar jekk is-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT, b'mod partikolari r-rata medja ponderata pluriennali, hijiex effettiva u adegwata. Jekk xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta għal modifika ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb li tiġi kkalkulata r-rata medja ponderata pluriennali abbażi ta' data aktar reċenti*".

F'konformità mal-kompitu fdat lill-Kummissjoni, dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-bidliet li saru fis-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT, janalizza l-effettività tagħha billi janalizza l-evoluzzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti wara li saru l-bidliet, inkluża valutazzjoni tas-sistema l-ġdida mill-Istati Membri. Jivvaluta wkoll l-adegwatezza tas-sistema fir-rigward tal-bidliet li saru fl-2021, b'enfasi fuq ir-rata medja ponderata pluriennali. Ir-rapport jagħti wkoll informazzjoni dwar in-numru ta' Stati Membri li għadhom japplikaw rata medja ponderata, soġġetta għal riżervi u kwalunkwe tibdil fir-rati nazzjonali tal-VAT.

1.1. Żvilupp tas-sistema tar-riżorsi proprji

Il-VAT hija taxxa komuni mħallsa mill-konsumaturi finali kollha meta jikkunsmaw oġġetti jew servizzi fis-suq uniku. It-taxxa hija applikata mill-Istati Membri kollha bħala taxxa fuq il-konsum fuq bażi wiesgħa fi ħdan qafas komuni stabbilit mid-Direttivi tal-UE. Din it-taxxa komuni hija komponent ewlieni tas-suq uniku, filwaqt li hija stess hija waħda mill-akbar kisbiet tal-UE.

Is-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ġiet introdotta fl-1970[2] u ġiet applikata progressivament, f'konformità mal-armonizzazzjoni progressiva permezz tad-Direttivi tal-VAT. Wara l-introduzzjoni tagħha, id-dħul ibbażat fuq il-VAT, flimkien mad-dazji doganali u l-imposti agrikoli, gradwalment issostitwixxew il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri. Sabiex il-baġit tal-UE jiġi ffinanzjat totalment mir-riżorsi proprji, id-dħul ibbażat fuq il-VAT sar l-ammont ta' bilanċ li jibbilanċja d-dħul u n-nefqa bl-istabbiliment tar-rata ta' ġbir applikabbli bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali.

Fl-1988, il-kontribuzzjoni tal-introjtu nazzjonali gross (ING) ġiet introdotta bħala r-riżorsa proprja l-ġdida ta' bilanċ. Din ir-riżorsa proprja ġdida tqieset li hija marbuta aktar mill-qrib mal-attività ekonomika nazzjonali, u b'hekk il-kontribuzzjonijiet ta' kull Stat Membru saru aktar konformi mal-kapaċità tiegħu li jħallas. Matul is-snin, ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING saret parti dejjem aktar sinifikanti tal-baġit tal-UE, hekk kif ir-rata ta' ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tnaqqset b'mod inkrementali, minn 1,4 % fl-1985[3] għal-livell attwali ta' 0,3 %[4] (Ċart 1).


Il-kontribuzzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tiġi kkalkulata billi tiġi applikata rata uniformi ta' ġbir għall-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri. Dawn il-bażijiet huma stmati billi

[1] L-Artikolu 13a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989, dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' April 1970, 70/243/KEFA, KEE, Euratom.
[3] Fl-1970, ir-rata massima ta' ġbir kienet iffissata għal 1 %. It-tkabbir bi Spanja u l-Portugall skatta ż-żieda għal massimu ta' 1,4 %. Id-Deċiżjoni 2000/597/KE tad-29 ta' Settembru 2000 naqqset ir-rata ta' ġbir, u poġġietha għal 0,5 %.
[4] Il-Finanzi Pubbliċi tal-UE, 2014.

jiġu applikati regoli armonizzati għad-dħul attwali mit-taxxa tal-VAT li jingabru mill-Istati Membri u, wara kwalunkwe korrezzjoni meħtieġa, jiġu diviżi b'rata medja ponderata tal-VAT speċifika għall-pajjiż. Maż-żmien, saru xi aġġustamenti. L-ewwel, biex jiġu protetti l-Istati Membri b'ishma ogħla ta' konsum fid-domanda finali u jitnaqqsu l-impatti rigressivi fuq pajjiżi ifqar, il-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ta' kull Stat Membru kienet limitata għal 50 % tal-ING. It-tieni, xi Stati Membri bbenefikaw sal-2020 minn rati ta' ġbir imnaqqsa[5].

Is-sehem tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT naqas maż-żmien. Fl-2024, jirrappreżenta madwar 14 % tad-dħul miġbur għall-baġit tal-UE.

Ċart 1 – Evoluzzjoni tad-dħul 1958-2023



Sors: Servizzi tal-Kummissjoni

1.2. Il-qafas tal-VAT sar-riforma tal-2021

Sal-2021, ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT kienet soġġetta għal kalkoli kumplessi. Il-kumplessità tal-kalkoli kienet prinċipalment ir-riżultat ta' żewġ fatturi: (1) il-ħtieġa li tinkiseb bażi tal-VAT "nozzjonali" li tikkorrispondi għal applikazzjoni armonizzata tad-Direttivi tal-VAT; (2) il-multipliċità tar-rati tal-VAT li jeħtieġu l-kalkolu ta' rata medja ponderata fuq bażi annwali.

Fir-rigward tal-ewwel fattur, l-armonizzazzjoni tal-bażi tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT kienet teħtieġ diversi korrezzjonijiet u kumpensi statistiċi. Il-*korrezzjonijiet* aġġustaw id-dħul mill-VAT għal aspetti mhux tal-VAT.

Dawn il-korrezzjonijiet ammontaw għal 0,5 % tad-dħul totali għall-perjodu 2016-2019. L-għan tal-*kumpensi statistiċi* kien li "jinnewtralizzaw" derogi nazzjonali mid-Direttiva tal-VAT. Huma ammontaw

[5] Għall-perjodu 2007-2013, ir-rata ta' ġbir kienet 0,225 % għall-Awstrija, 0,14 % għall-Ġermanja u 0,1 % għall-Iżvezja u n-Netherlands. Għall-perjodu 2014-2020, ir-rata ta' ġbir kienet 0,15 % għall-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja. Mill-2021 'il quddiem, ir-rata uniformi ta' ġbir ta' 0,3 % tiġi applikata wkoll minn dawn l-Istati Membri.

għal madwar 0,5 % tal-bażi matul l-istess perjodu (ara t-Tabelli 4 u 5 għad-dettalji). Lista tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi kollha tinsab fl-Anness 3.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tieni fattur, biex tiġi kkalkulata l-bażi tar-riżorsa proprja tal-VAT għal sena kalendarja partikolari, Stat Membru kellu jiddividi d-dħul nett totali mill-VAT miġbur matul dik is-sena bir-rata li l-VAT kienet intaxxata f'dak l-Istat Membru matul l-istess sena. Madankollu, jekk aktar minn rata waħda tal-VAT ġiet applikata fi Stat Membru, il-bażi armonizzata tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ġiet ikkalkulata billi ġie diviż id-dħul totali nett mill-VAT miġbur mir-rata medja ponderata tal-VAT ta' dak il-pajjiż. Din il-metodoloġija ġiet iddeterminata fir-Regolament tal-Kunsill 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-kollezzjoni tar-riżorsi proprji li jakkumulaw mill-VAT.

1.3. Ir-riforma tal-2021

Kalkoli simplifikati

Biex is-sistema ssir inqas ikkumplikata u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ġiet issimplifikata, bil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 bħala bidu.

L-ewwel, ħafna mill-aġġustamenti għal derogi u eżenzjonijiet (*korrezzjonijiet* u *kumpensi*) tneħħew, u b'hekk il-kalkoli saru aktar faċli.

It-tieni, taħt is-sistema l-ġdida, il-bażi tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tiġi kkalkulata aktar faċilment, billi jiġi diviż id-dħul mill-VAT nazzjonali bir-rata medja ponderata tal-VAT ibbażata fuq sena ta' referenza fissa, minflok ma tintuża rata ponderata kkalkulata għal kull sena. Is-sena ta' referenza għal din ir-rata medja ponderata (WAR, Weighted Average Rate) ġiet iffissata għall-2016 u hija applikata fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 kollu. Se tkompli tintuża wara dan, sa u sakemm jinbidel ir-Regolament tal-Kunsill 1553/89.

Bħal fis-sistema preċedenti, il-bażijiet tal-VAT ta' kull Stat Membru mbagħad jiġu limitati għal 50 % tal-ING ta' kull Stat Membru, biex tiġi limitata r-rigressività tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Fl-aħħar nett, mill-2021 'il quddiem, tiġi applikata rata uniformi ta' ġbir ta' 0,3 % għall-bażi tal-VAT ta' kull Stat Membru.

Id-dħul miġbur jibqa' l-punt tat-tluq għall-kalkolu tal-bażi finali tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Il-VAT kollha miġbura għandha tiġi kkunsidrata. Kwalunkwe ħaġa rreġistrata bħala VAT mill-Istati Membri li mhijiex VAT fin-natura, bħal multi jew imgħax ta' inadempjenza, għandha konsegwentement titnaqqas. L-Annessi 1 u 2 juru d-dikjarazzjoni finanzjarja li l-Istati Membri jeħtieġu li jissottomettu kull sena kemm taħt is-sistemi l-qodma kif ukoll dawk ġodda.

Tabella 1 - Tqabbil tas-sistemi tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ġodda u qodma

	2014-2020	2021-2027	Differenzi
Dħul mill-VAT	Dħul mill-VAT miġbur mill-Istati Membri nieqes ir-rifużjonijiet tal-VAT	Dħul mill-VAT miġbur mill-Istati Membri nieqes ir-rifużjonijiet tal-VAT	Ebda differenza
Korrezzjonijiet	Korrezzjonijiet kif mitlub mir-Regolament 1553/89[6]	Korrezzjonijiet biss għall-kamp ta' applikazzjoni territorjali[7] u devjazzjonijiet mid-Direttiva tal-VAT	Tnaqqis fin-numru ta' korrezzjonijiet
Rata medja ponderata (WAR, weighted average rate)	Ikkalkulata kull sena	Tapplika l-WAR iffriżata tal-2016	Ebda aktar kalkoli tal-WAR
Kumpensi	Il-kumpensi japplikaw	Il-kumpensi ma japplikawx	M'hemmx aktar kumpensi
Definizzjoni tal-bażi tal-VAT	Dħul mill-VAT (+/- korrezzjonijiet) / WAR_N + kumpensi	Dħul mill-VAT (+/- korrezzjonijiet) /WAR_{2016}	Kalkolu aktar faċli
Iffissar ta' limitu massimu	Bażi tar-riżorsa proprja tal-VAT mhux ogħla minn 50 % tal-ING għal kull Stat Membru	Bażi tar-riżorsa proprja tal-VAT mhux ogħla minn 50 % tal-ING għal kull Stat Membru	Ebda differenza
Rata ta' ġbir	0,3 % (ħlief n-Netherlands, il-Ġermanja u l-Iżvezja li japplikaw 0,15 %)	0,3 % għall-Istati Membri kollha	M'hemmx aktar eċċezzjonijiet

Kontrolli mmirati

Il-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT kif iddefinit mill-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill 2021/768 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji. L-ispezzjonijiet isiru biex jiġi aċċertat li l-operazzjonijiet biex tiġi kkalkulata l-VAT totali nett miġbura jkunu twettqu b'mod korrett, li d-*data* użata kienet xierqa, u li l-kalkoli biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' dik ir-riżorsa proprja huma korretti.

L-għan ġenerali tal-ispezzjonijiet huwa li jiġi żgurat li kull Stat Membru jikkontribwixxi l-ammont korrett tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għall-baġit tal-UE. Matul l-ispezzjonijiet, il-Kummissjoni tivverifika l-aspetti kollha tad-dikjarazzjonijiet annwali tal-bażi tal-VAT (dħul, korrezzjonijiet tad-dħul, ir-rata medja ponderata tal-2016 (jekk taħt riżerva), eċċ.). L-ispezzjonijiet għandhom ukoll l-għan li jiksbu assigurazzjoni raġonevoli li s-sistemi u l-proċeduri nazzjonali għad-determinazzjoni tal-bażi tal-VAT huma affidabbli, effettivi, preċiżi, eżawrjenti, u f'konformità mal-liġi applikabbli tal-UE, f'termini kemm tal-kamp ta' applikazzjoni u l-metodu tagħhom, kif ukoll tal-kwalità tad-*data* użata.

Il-bidliet li ġġib magħha s-sistema l-ġdida jagħmluha ħafna aktar faċli biex jiġu prodotti dikjarazzjonijiet annwali, jitħejjew u jsiru spezzjonijiet. Huma jagħmluha wkoll ħafna aktar faċli kemm

[6] L-Anness 1 għandu mudell tad-dikjarazzjoni fil-qosor li tagħti dettalji dwar il-korrezzjonijiet u l-kumpensi kollha applikati fis-sistema l-antika.
[7] Kif deskritt fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2006/112/KE (Direttiva tal-VAT).

għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni biex iwettqu u jsegwu l-ispezzjonijiet. Il-bidliet ġabu magħhom ukoll in-nuqqas ta' tkomplija ta' numru sinifikanti ta' kalkoli, kif juru t-Tabelli 4 u 5. L-użu tal-perċentwal tar-rata medja ponderata tal-2016 minflok il-kalkolu ta' rata ġdida għal kull sena wkoll jagħmel l-affarijiet aktar faċli.

Dawn il-bidliet jippermettu lill-Istati Membri jużaw inqas riżorsi għal dan l-eżerċizzju, jiġifieri: il-produzzjoni ta' dikjarazzjonijiet annwali mill-awtoritajiet nazzjonali, il-forniment ta' *data* għall-kalkoli differenti ta' spiss miksuba minn aġenziji oħra tal-istat u/jew fornituri esterni oħra ta' sors ta' *data*. L-awtoritajiet nazzjonali issa jeħtieġu wkoll li jiddedikaw inqas żmien biex jippreparaw u jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet.

Is-simplifikazzjoni naqqset ukoll l-ammont ta' xogħol għall-Kummissjoni. B'mod partikolari, iż-żmien imqatta' fuq it-tħejjija u t-twettiq tal-ispezzjoni tnaqqas b'mod sinifikanti. L-ispezzjonijiet imwettqa skont is-sistema l-ġdida (tas-snin 2021 u 2022) jiffokaw fuq il-kontrolli biex jiġi żgurat li s-sistemi stabbiliti mill-Istati Membri biex jiġbru, jaggregaw u jirrapportaw id-dħul mill-VAT miġbura jkunu effettivi u effiċjenti. Madankollu, meta s-sistema l-ġdida kienet għadha fil-bidu tagħha, l-ispezzjonijiet iffokaw ukoll fuq l-indirizzar, flimkien mal-Istati Membri, tar-riżervi miftuħa mis-snin preċedenti li jirreferu għal oġġetti ta' kalkolu li sussegwentement ma tkomplewx. Hekk kif in-numru ta' riżervi relatati mas-sistema preċedenti se jonqos gradwalment, l-iffrankar ta' ħin fuq l-ispezzjonijiet imwettqa skont is-sistema l-ġdida se jiżdied maż-żmien. Il-ħin ta' spezzjoni, eskluż ix-xogħol fuq riżervi mis-sistema l-antika, huwa mistenni li jonqos minn ġimgħa waħda bħala medja għal 2-2,5 ijiem, skont l-għadd ta' ksur.

Il-benefiċċji tas-simplifikazzjoni tal-2021 kisbu tifħir mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-opinjoni tagħha Nru 11/2020[8] li kkonfermat it-tnaqqis mistenni fil-piż amministrattiv kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni mingħajr ma affettwat b'mod sinifikanti l-akkuratezza tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT.

2. L-effettività tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT

Biex tivvaluta l-effettività tas-sistema, din it-taqsima tanalizza sa liema punt il-baġit tal-UE ġie protett biżżejjed u li l-kontribuzzjoni tal-VAT inġabret kif suppost. Tevalwa wkoll l-evoluzzjoni tal-bażijiet tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u l-komponenti differenti tagħha sabiex tivvaluta kif is-simplifikazzjoni affettwat ir-riżorsa proprja.[9]

2.1. Evoluzzjoni tal-bażijiet tar-riżorsa proprja tal-VAT

Mill-2016, il-bażi tal-VAT segwiet xejra 'l fuq, ħlief għall-2020[10], minkejja l-bidliet introdotti mir-riforma tal-2021[11]. Din l-evoluzzjoni kienet influwenzata minn diversi avvenimenti, l-aktar

[8] Opinjoni Nru 11/2020 (skont l-Artikoli 287(4) u 322(2) TFUE) dwar l-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (id-dokument 12 771/20, il-fajl interistituzzjonali 2018/0133 (NLE)) (europa.eu).

[9] Id-*data* użata fit-taqsima 2 tar-rapport hija kkalkulata minn Marzu 2024

[10] L-Anness 5 jippreżenta l-evoluzzjoni tal-bażijiet tal-VAT għal kull Stat Membru għall-perjodu 2016-2022.

[11] Mill-2021 'il quddiem il-bażijiet tal-VAT jiġu kkalkulati billi d-dħul jiġi diviż bir-rata medja ponderata "ffriżata" tal-2016, filwaqt li qabel kienet tintuża r-rata medja ponderata annwali attwali

importanti minnhom kienet il-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, u impatti makroekonomiċi oħra bħal żidiet fil-prezzijiet fl-2021 u l-2022 li affettwaw il-konsum u l-VAT miġbura fl-ekonomija (Ċarts 2 u 3).

Id-dħul mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT segwa l-istess evoluzzjoni sal-2019, imbagħad sa ċertu punt fis-snin ta' wara (Tabella 3), L-impatt tal-iffissar ta' limitu massimu tal-bażi tar-riżorsi proprji għal 50 % tal-ING għandu rwol iżda r-raġuni ewlenija hija li id-differenza sħiħa bejn it-tbassir u d-dħul fuq il-bażi finali tal-VAT tidher biss fis-snin ta' wara minħabba l-perjodu latenti tal-eżerċizzju tal-bilanċi. .

Tabella 2 – Evoluzzjoni tal-bażijiet aggregati tar-riżorsa proprja tal-VAT tal-EU-27

miljun EUR	2016	2017	2018	2019	2020	2021*	2022*
Riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT	5 231 083	5 564 631	5 838 647	6 005 905	5 654 042	6 355 460	7 154 323
Rata ta' tkabbir annwali		6,4 %	4,9 %	2,9 %	-5,9 %	12,4 %	12,6 %

Sors: Dikjarazzjonijiet tal-VAT.

Il-metodu ta' kalkolu għall-bażi tal-VAT huwa spjegat fl-Anness 1 għas-sistema l-antika u fl-Anness 2 għas-sistema l-ġdida.

*Mill-2021, il-bażi tinkiseb billi jiġi diviż id-dħul nett bir-rata medja ponderata tal-2016.

Tabella 3 – Evoluzzjoni tad-dħul aggregat mir-riżorsa proprja tal-VAT EU 27

miljun EUR	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
Dħul mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT	15 859	16 947	17 624	18 128	17 858	18 340	19 666
Rata ta' tkabbir annwali		6,9 %	4,0 %	2,9 %	-1,5 %	2,7 %	7,2 %

Sors: Il-Kontijiet Annwali tal-Kummissjoni Ewropea.


Id-dħul jiġi kkalkulat billi tiġi applikata r-rata ta' ġbir għall-bażi tal-VAT wara l-iffissar ta' limitu massimu. Il-bażi tal-VAT tiġi aġġustata aktar bl-użu tar-riżultati tal-eżerċizzju tal-bilanċi (Taqsima 2.2) biex jiġi kkalkulat id-dħul mill-VAT. L-Anness 4 juri wkoll paragun tal-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri fejn japplika l-iffissar ta' limitu massimu.

L-iżvilupp tal-bażi tal-VAT jista' jiġi analizzat aktar billi jiġu eżaminati l-fatturi ewlenin. Il-kategoriji ewlenin tan-nefqa li jiffurmaw il-bażi tal-VAT jinkludu l-konsum tal-unitajiet domestiċi privati, ix-xiri mill-gvern, u l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss (FGKF) mill-gvern. Flimkien, dawn il-kategoriji jinkludu madwar 88 % tal-bażi totali tal-VAT (2020), bl-infiq intermedju tal-konsum tad-ditti li jikkostitwixxi l-parti prinċipali tal-bqija. Fost dawn, il-konsum tal-unitajiet domestiċi privati huwa l-aktar sinifikanti, li jammonta għal 60 % sa 80 % tan-nefqa soġġetta għall-VAT, skont l-Istat Membru.

Meta wieħed iħares lejn l-indikaturi tal-kontijiet nazzjonali fil-prezzijiet kurrenti bħala prokuri għat-tliet komponenti ewlenin tal-bażi tal-VAT[12], **il-konsum domestiku privat kien il-fattur ewlieni tat-tkabbir fil-bażi tal-VAT bejn l-2016 u l-2022**, li kkontribwixxa għal 74 % taż-żieda tiegħu fit-total bħala medja għall-EU-27 (Ċart 2).

[12] Dawn l-indikaturi makroekonomiċi jintużaw ukoll fil-proċedura annwali għat-tbassir tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għall-baġit annwali.


Ċart 2 – Żvilupp ta' indikaturi makroekonomiċi għall-komponenti tal-bażi tal-VAT (2016 sal-2022)



Sors: Tbassir KKRP. Kalkoli proprji.

Sa fejn huwa kkonċernat l-iżvilupp tan-nefqa tal-konsum privat fil-livell tal-EU-27 (Ċart 3), l-inflazzjoni kellha rwol ewlieni fl-2021 u l-2022.

Ċart 3 – Evoluzzjoni tal-inflazzjoni u l-konsum privat bi prezzijiet kurrenti 2016-2022 EU-27



Sors: It-Tbassir tal-Ħarifa tal-Kummissjoni 2023

Is-simplifikazzjoni tas-sistema tal-VAT ma kellhiex impatt sinifikanti fuq l-evoluzzjoni tal-bażi. Il-piż ta' kull wieħed mill-komponenti ewlenin tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-Istati Membri baqa' relattivament stabbli, ħlief għall-korrezzjonijiet li żdiedu f'termini assoluti wara r-riforma (Tabella 4). L-impatt tal-korrezzjonijiet li m'għadhomx japplikaw mhuwiex ogħla minn 0,1 % tad-dħul nett, filwaqt li l-kumpensi jammontaw għal mhux aktar minn 0,6 % tal-bażi totali tal-VAT (Tabelli 5 u 6). Il-valur assolut tal-kumpensi żdied fl-2019 u fl-2020 minħabba bidliet fl-eżenzjonijiet applikati mill-Istati Membri; pereżempju, l-Italja introduċiet livell limitu ogħla għall-iskema tad-ditti żgħar eżentati. Xi kumpensi limitati (bħal dawk marbuta mal-ksur tad-Direttiva tal-VAT) huma rreġistrati

bħala korrezzjonijiet fis-sistema l-ġdida, li jispjega ż-żieda żgħira fil-piż tal-korrezzjonijiet fl-2021 u l-2022.

Tabella 4 – Evoluzzjoni tal-komponenti ewlenin tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT (EU-27)

EU-27	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
Korrezzjonijiet (miljun EUR)	4 612	5 041	5 546	6 256	6 212	9 414	14 754
Korrezzjonijiet bħala perċentwal tad-dħul nett (%)	0,53 %	0,55 %	0,57 %	0,63 %	0,68 %	0,89 %	1,24 %
Kumpensi (miljun EUR)	8 013	23 179	27 328	34 974	35 809		
Kumpensi bħala perċentwal tal-bażi totali tal-VAT (%)	0,15 %	0,42 %	0,47 %	0,58 %	0,63 %	M/A	M/A

Sors: Dikjarazzjonijiet tal-VAT u kalkoli proprji.

Tabella 5 – Evoluzzjoni tal-korrezzjonijiet bħala perċentwal tad-dħul nett*

EU27	2016	2017	2018	2019	2020
Intrapriżi żgħar intaxxati (%)	-0,03 %	-0,03 %	-0,03 %	-0,03 %	-0,02 %
Ħelsien mit-taxxa gradwat (%)	0,01 %	0,01 %	0,01 %	0,01 %	0,01 %
Bdiewa b'rata fissa (%)	-0,08 %	-0,05 %	-0,06 %	-0,05 %	-0,07 %
Korrezzjonijiet totali li ma tkomplewx (%)	-0,10 %	-0,07 %	-0,08 %	-0,07 %	-0,08 %

Sors: Dikjarazzjonijiet tal-VAT u kalkoli proprji.
*Dawn il-korrezzjonijiet tneħħew fl-2021.

Tabella 6 – Evoluzzjoni tal-kumpensi bħala perċentwal tal-bażi totali tal-VAT*

EU-27	2016	2017	2018	2019	2020
Intrapriżi żgħar eżentati (%)	0,22 %	0,25 %	0,27 %	0,43 %	0,46 %
Kumpensi Anness X parti A[13] (%)	-0,11 %	-0,11 %	-0,10 %	-0,09 %	-0,10 %
Kumpensi Anness X, il-parti B[14] (%)	0,45 %	0,48 %	0,50 %	0,52 %	0,53 %
Karozzi (%)	-0,29 %	-0,29 %	-0,29 %	-0,29 %	-0,29 %
Nefqa għall-karozzi (%)	-0,22 %	-0,21 %	-0,19 %	-0,23 %	-0,23 %
Kumpensi totali (%)	0,15 %	0,42 %	0,47 %	0,58 %	0,63 %

Sors: Dikjarazzjonijiet tal-VAT u kalkoli proprji.
*Dawn il-kumpensi tneħħew fl-2021.

[13] Il-kumpensi inklużi fl-Anness X, il-parti A, huma tekniċi dentali, radju u televiżjoni pubbliċi, bini u art tajba għall-bini, aġenti tal-ivvjaġġar.
[14] Il-kumpensi inklużi fl-Anness X, il-parti B, huma dħul għal avvenimenti sportivi, professjonijiet liberi, telekomunikazzjoni pubblika, kremazzjonijiet u impriżi funebri, persuni għomja, kommemorazzjonijiet tal-vittmi tal-gwerra, sptarijiet privati, ilma pubbliku, bini ġdid u art tajba għall-bini, trasport tal-passiġġieri, inġenji tal-ajru, bastimenti tal-gwerra, aġenti tal-ivvjaġġar (fi ħdan l-UE).

Tabella 7 – Analiżi tal-bażi tal-VAT fil-perjodu 2016-2022

EU-27 miljun EUR	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
Dħul	868 503	917 138	959 113	992 668	913 713	1 056 431	1 182 601
Dħul nett	873 114	922 179	964 658	998 924	919 926	1 059 404	1 185 813
Rata medja ponderata	16,72 %	16,64 %	16,60 %	16,73 %	16,37 %	16,72 %	16,72 %
Kumpensi totali	8 013	23 179	27 328	34 974	35 809	-	-
Bażi finali (illimitata)	5 231 083	5 564 631	5 838 647	6 005 905	5 654 042	6 355 460	7 154 323
Tkabbir annwali tal-bażi finali		6,38 %	4,92 %	2,86 %	-5,86 %	12,40 %	12,57 %

Nota: Ir-rata medja ponderata għall-2021 u l-2022 hija r-rata medja ponderata ffriżata tal-2016.
Sors: Dikjarazzjonijiet tal-VAT.

2.2. Ġbir ta' dħul mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT

L-Istati Membri jħallsu l-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji tal-VAT kull xahar flimkien mar-riżorsi proprji l-oħra. Il-Kummissjoni tiġbor id-dħul mill-VAT inizjalment ibbażat fuq stimi tal-bażijiet tal-VAT miftiehma mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP/Tbassir). Il-kontribuzzjonijiet tal-VAT huma kkalkulati u mħallsa fuq il-bażi tat-tbassir, għalhekk jeħtieġ li jiġu aġġustati għad-*data* reali pprovduta fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT aktar 'il quddiem. Id-dikjarazzjonijiet tal-VAT jistgħu jinkludu wkoll modifiki għall-bażijiet tal-VAT għall-erba' snin preċedenti. Fil-każ ta' riżervi introdotti mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri, id-*data* għas-snin ta' qabel tista' tiġi aġġustata wkoll.

Il-Kummissjoni tikkalkula għal kull Stat Membru d-differenza bejn it-tbassir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u l-aħħar *data* pprovduta fid-dikjarazzjonijiet (il-bilanċi).

Il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri bir-riżultat tal-kalkolu tal-bilanċi qabel l-1 ta' Frar tas-sena ta' wara s-sena li fiha d-*data* għad-dikjarazzjoni tkun ġiet sottomessa, u l-Istati Membri jeħtieġ li jagħmlu disponibbli l-ammonti fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena li fiha l-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri bil-kalkolu tal-bilanċi. In-nuqqas mill-Istati Membri li jagħmlu l-pagamenti meħtieġa jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' mgħax (imgħax aktar baxxi minn EUR 1 000 huwa rinunzjat).

Tabella 8 – Aġġustamenti tal-VAT (bilanċi)*

EU-27 miljun EUR	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
Bilanċi tal-VAT minħabba differenzi bejn l-ewwel dikjarazzjoni u t-tbassir	313	418	502	403	- 54	1,011	1,734
Bilanċi tal-VAT minħabba reviżjonijiet ta' dikjarazzjonijiet preċedenti	87	6	23	- 1	121	97	125
Aġġustamenti totali EU-27	400	424	525	402	68	1,108	1,859

Sors: Il-Kontijiet annwali tal-UE u l-kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea. L-Anness 6 jipprovdi l-evoluzzjoni tal-aġġustamenti tal-VAT għal kull Stat Membru.

* L-eżerċizzju tal-bilanċi jaġġusta d-*data* kull sena għall-aħħar sena disponibbli u għas-snin preċedenti.

Is-sistema l-ġdida għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsa proprja ma affettwatx il-proċess tal-kalkolu u l-ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u l-aġġustamenti tagħha (bilanċi). L-ebda pagamenti pendenti ma huma dovuti.

L-eżitu tal-eżerċizzji tal-bilanċi għall-2021 u l-2022 huwa ogħla b'mod sinifikanti mis-snin preċedenti, u l-aġġustamenti huma akbar fil-każ tal-maġġoranza tal-Istati Membri (ara wkoll l-Anness 6). L-element ewlieni li jikkontribwixxi għal dawn il-varjazzjonijiet huwa l-korrezzjoni tat-tbassir tal-bażijiet tal-VAT tal-2021 u l-2022 użati għall-finanzjament tal-baġits rilevanti tal-UE, minħabba ż-żieda sottovalutata fir-rata tal-inflazzjoni.

Il-Kummissjoni tivvaluta kontinwament il-ġbir tad-dħul mill-VAT mill-Istati Membri u l-introduzzjoni ta' miżuri biex jiżdied il-ġbir xieraq tal-fondi tal-VAT (Kaxxa 1).

Kaxxa 1: Inizjattivi biex jitjieb il-ġbir xieraq tal-fondi tal-VAT fl-Istati Membri

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tammonta għal madwar 2 % tad-dħul mill-VAT miġbur mill-Istati Membri. Għalhekk, il-miżuri għat-titjib tal-ġbir tad-dħul mill-VAT huma primarjament ta' benefiċċju għall-baġits nazzjonali iżda sa ċertu punt għall-baġit tal-UE ukoll.

Ġbir tal-VAT – Id-disa' rapport dwar ir-reġistrazzjoni, il-ġbir, u l-proċeduri ta' kontroll tal-VAT (l-Artikolu 12 tar-Regolament 1553/89)

Kull 5 snin, il-Kummissjoni tipproduċi rapport dwar il-miżuri meħuda u l-progress li sar mill-Istati Membri fir-rigward tal-ġbir tal-VAT u dwar kwalunkwe titjib li sar. Wara l-valutazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-aħħar rapport ippubblikat f'April 2022[15], ġew ipprovduti 39 rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni biex tittejjeb is-sistema ta' ġbir tal-VAT tal-Istati Membri.

Ir-rakkomandazzjonijiet ikopru prinċipalment il-proċessi tal-ġbir tal-VAT tal-Istati Membri, jiġifieri r-reġistrazzjoni tal-VAT u l-analiżi tar-riskju, it-teknoloġija tal-informazzjoni tal-VAT u teknoloġiji ġodda, l-iffajljar u l-pagament, il-ġbir tad-djun tal-VAT, ir-rifużjonijiet u l-awditi, il-kontabbiltà tal-VAT, ir-responsabbiltà, u t-tilwim. L-implimentazzjoni rapida tal-miżuri proposti se ttejjeb l-adegwatezza tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT għall-baġit tal-UE.

Huwa għalhekk li, fil-konklużjonijiet tar-rapport, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, mhux biss biex jgħinu fil-ġenerazzjoni tad-dħul mit-taxxa meħtieġ għall-indirizzar tal-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-UE, iżda wkoll biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern u titwitta t-triq lejn irkupru aktar mgħaġġel u aktar fit-tul wara l-pandemija.

Tibdil fil-leġiżlazzjoni tal-VAT li tittratta n-nuqqas ta' ġbir u l-frodi.

Mill-1 ta' Lulju 2021, il-punt uniku ta' servizz żgħir (MOSS, mini One Stop Shop), li ddaħħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015, sar punt uniku ta' servizz (OSS, One Stop Shop)[16] li jkopri firxa usa' ta' provvisti u introduċa aktar simplifikazzjonijiet. Dan l-OSS imkabbar ikopri tliet skemi speċjali: l-iskema mhux tal-UE, l-iskema tal-UE, u l-iskema tal-importazzjoni.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema eżistenti mhux tal-UE u tal-iskema tal-UE ġie estiż, iżda l-iskema tal-importazzjoni hija ġdida. Dawn l-iskemi speċjali jippermettu lill-persuni taxxabbli biex

[15] eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022DC0137

[16] Il-Kunsill adotta dawn ir-regoli permezz tad-Direttiva 2017/2455 f'Diċembru 2017 u d-Direttiva 2019/1995 (Ara t-Test konsolidat: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud).

jiddikjaraw u jħallsu l-VAT dovuta fl-Istati Membri li (b'mod ġenerali) mhumiex stabbiliti fihom, permezz ta' portal tal-web fl-Istat Membru li fih huma identifikati (Stat Membru ta' identifikazzjoni). Dan jiffranka lill-kontribwenti l-kostijiet tar-reġistrazzjoni għall-VAT f'diversi Stati Membri.

Dawn l-iskemi jintużaw ħafna. Fl-2022, l-Istati Membri b'kollox ġabru aktar minn EUR 17-il biljun permezz tal-portal OSS estiż li jkopri l-bejgħ online fl-UE. Inġabru wkoll EUR 2,5 biljun fi dħul mill-VAT fuq importazzjonijiet ta' oġġetti tal-kummerċ elettroniku. Dan jinkludi d-dħul ġdid mill-VAT iġġenerat mill-abolizzjoni tal-eżenzjoni mill-VAT li qabel kienet tapplika għall-importazzjonijiet ta' oġġetti ta' valur baxx li ma jaqbżux l-EUR 22 u li kienet suxxettibbli ħafna għall-frodi[17]. Billi jagħmluha aktar faċli li jkun hemm konformità mar-regoli, u b'hekk jinkoraġġixxu l-konformità, l-iskemi jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, peress li r-rata tal-VAT applikata hija l-istess għall-bejjiegħa kollha irrispettivament minn fejn ikunu bbażati.

F'Marzu 2018, ir-rapport[18] ippreżentat mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-effetti tal-Artikoli 199a u 199b tad-Direttiva 2006/112/KE dwar il-ġlieda kontra l-frodi (ir-rapport), wassal għal inizjattiva leġiżlattiva importanti oħra li ttejjeb l-adegwatezza tas-sistema tal-ġbir tal-VAT u l-konformità mad-Direttiva tal-VAT.

Skont ir-rapport, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ġeneralment qiesu l-mekkaniżmu tar-reverse charge stabbilit fl-Artikolu 199a tad-Direttiva 2006/112/KE bħala għodda effettiva fil-ġlieda jew il-prevenzjoni tal-frodi tal-VAT fis-setturi kkonċernati. Għalhekk, bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1695 u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/890, l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri għal perjodu limitat, sad-dħul fis-seħħ previst tar-reġim definittiv tal-VAT, ġiet estiż.

Fl-aħħar nett, f'Diċembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet serje ta' miżuri biex timmodernizza u tagħmel is-sistema tal-VAT tal-UE taħdem aħjar għan-negozji u tagħmilha aktar reżiljenti għall-frodi billi tħaddan u tippromwovi d-diġitalizzazzjoni[19]. Fil-ħin tal-kitba ta' dan ir-rapport, il-pakkett leġiżlattiv qed jiġi nnegozjat fil-Kunsill.

Azzjonijiet ewlenin proposti se jgħinu lill-Istati Membri biex jiġbru sa EUR 11-il biljun aktar fi dħul mill-VAT kull sena. Il-pakkett leġiżlattiv għandu l-għan, fost għanijiet oħra, li jimxi lejn rapportar diġitali f'ħin reali bbażat fuq fatturazzjoni elettronika għan-negozji li joperaw b'mod transfruntier fl-UE, li jaġġorna r-regoli tal-VAT għat-trasport tal-passiġġieri u pjattaformi ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir, u jintroduċi reġistrazzjoni unika tal-VAT madwar l-UE.

Skont il-valutazzjoni tal-impatt[20], bejn l-2023 u l-2032, l-approċċ ta' politika ppreferut, "approċċ imtejjeb" (li jgħaqqad l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' rapportar diġitali fil-livell tal-UE, dispożizzjoni ta' fornitur meqjus għas-setturi kollha tal-akkomodazzjoni u tat-trasport, u taħlita ta' estensjoni

[17] Sors: Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali / Stqarrija għall-Istampa tat-30/06/2023/ EU VAT rules for e-commerce two years on: Updated revenue figures point again to a successful implementation.
[18] COM(2018) 118 final, tat-8.3.2018 ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-effetti tal-Artikoli 199a u 199b tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar il-ġlieda kontra l-frodi.
[19] Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali. Proposta għal Regolament tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali.
Proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT.
[20] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2022) 394 final.

usa' tal-OSS, reverse charge u IOSS, Import One Stop Shop, obbligatorju) huwa mistenni li jiġbor bejn EUR 172 biljun u EUR 214 biljun f'impatti netti ipparagunat mal-linja bażi.

L-approċċ imsaħħaħ se jiffranka EUR 50,6 biljun bejn l-2023 u l-2032: EUR 41,4 biljun mir-rapportar tal-VAT (EUR 11-il biljun mit-tneħħija tal-obbligi ta' rapportar, EUR 24,2 biljun mit-tnaqqis tal-kostijiet tal-frammentazzjoni, EUR 4,3 biljun mill-użu ta' dikjarazzjonijiet tal-VAT mimlija minn qabel, u EUR 1,9 biljun mill-fatturazzjoni elettronika); EUR 0,5 biljun mis-simplifikazzjoni u mill-kjarifiki fir-rigward tal-ekonomija tal-pjattaformi; EUR 8,7 biljun mit-tneħħija tal-obbligi tar-reġistrazzjoni tal-VAT.

Għalhekk huwa mistenni li meta din is-serje ta' miżuri tiġi adottata u implimentata bis-sħiħ mill-Istati Membri, is-sistema tal-VAT tal-UE se taħdem aħjar. Konsegwentement, iż-żieda fl-effettività mistennija tal-ġbir tal-VAT mill-Istati Membri se tiġġenera aktar dħul għall-baġit tal-UE.

2.3. Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

Evoluzzjoni tar-riżervi pendenti mill-2016 sal-2022

Ir-riżervi huma mod kif jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tikseb assigurazzjoni suffiċjenti dwar il-kwistjoni tar-riżorsi proprji.

L-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill 1553/89 kif emendat jistabbilixxi li "L-ebda korrezzjoni oħra m'għandha ssir għall-estratti tal-kont imsemmija fl-Artikolu 7(1) wara l-31 ta' Lulju tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja ikkonċernata, sakemm dawk il-korrezzjonijiet ma jikkonċernaw punti nnotifikati qabel jew mill-Kummissjoni inkella mill-Istat Membru kkonċernat". Il-punti notifikati qabel huma msejħa b'mod komuni bħala riżervi. Riżerva żżomm miftuħa kwalunkwe kwistjoni ta' metodoloġija jew ta' sorsi ta' *data* użata relatata ma' oġġett li dwaru m'hemmx qbil bejn il-Kummissjoni u Stat Membru. Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħmel riżervi f'każijiet ta' ksur jew devjazzjonijiet potenzjali mill-Istati Membri mid-Direttiva tal-VAT. Ir-riżervi jistgħu wkoll isiru mill-Istati Membri jekk ma jaqblux mal-Kummissjoni.

Ir-riżervi jagħtu lill-Istati Membri miżura ta' ċertezza legali u baġitarja. Ladarba oġġett ta' dikjarazzjoni annwali jkun preskritt (jiġifieri mingħajr ebda riżerva), ma jistax jinbidel u ma jkun hemm l-ebda impatt finanzjarju fuq dak l-oġġett wara l-preskrizzjoni.

In-numru ta' riżervi naqas ftit maż-żmien (Tabella 9) u huwa mistenni li jonqos aktar peress li l-maġġoranza tar-riżervi jikkonċernaw is-sistema qabel l-2021. Il-maġġoranza l-kbira tar-riżervi huma relatati ma' oġġetti ta' dikjarazzjonijiet annwali li ma tkomplewx fis-sistema l-ġdida (fl-aħħar tal-2023 dan in-numru kien 30 mis-37 riżerva magħmula mill-Kummissjoni). Dawn ir-riżervi se jiġu ttrattati u mneħħija gradwalment u minħabba l-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida, għalhekk l-għadd ta' riżervi mistenni jonqos b'mod sinifikanti maż-żmien.

Fl-aħħar tal-2023 kien hemm seba' riżervi li jkopru s-snin tas-sistema l-ġdida (2021-2022). Fl-istess ħin mhux l-ispezzjonijiet kollha għall-2021 u l-2022 ġew iffinalizzati fiż-żmien ta' dan ir-rapport,

għalhekk in-numru ta' riżervi relatati mas-sistema l-ġdida jista' jiżdied bi ftit[21]. Ir-riżervi magħmula fl-2021 u l-2022 huma prinċipalment relatati ma' ksur u devjazzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT[22]. Xi whud mir-riżervi magħmula fis-snin preċedenti għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti tad-dikjarazzjoni li se jinżammu u jiġu solvuti matul iċ-ċikli ta' spezzjoni li jmiss.

Tabella 9 – Numru ta' riżervi miftuħa tal-VAT

	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023
Magħmula mill-Istati Membri	16	15	12	10	17	17	11	13
Magħmula mill-Kummissjoni	50	53	64	61	61	71	56	37
Relatati mal-ksur	15	14	16	19	19	16	17	16
Total	81	82	92	90	97	104	84	66
Li minnhom jirrigwardaw is-sistema l-ġdida								7

Nota: Numru ta' riżervi miftuħa fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena (li setgħu saru fis-snin preċedenti). L-Anness 7 juri wkoll id-distribuzzjoni tar-riżervi fl-Istati Membri.

Tabella 10 – Riżervi tal-VAT miftuħa u pendenti għal żmien twil*

	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023
Magħmula mill-Istati Membri	4	6	6	7	3	2	1	1
Magħmula mill-Kummissjoni	2	6	1	4	5	3	9	7
Relatati mal-ksur	3	2	3	4	6	5	4	3
Total	9	14	10	15	14	10	14	11

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

* Riżerva pendenti għal żmien twil hija definita bħala riżerva fis-seħħ għal aktar minn 5 snin kontabilistiċi.

Għar-rata medja ponderata tal-2016, użata bid-dikjarazzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT tal-2021 bħala bidu, tliet Stati Membri għandhom riżerva waħda jew aktar. Dan ifisser li għal

[21] Id-dikjarazzjonijiet tal-2021 ġew spezzjonati għal 22 Stat Membru (BE, BG, CZ, DK, DE, IE, EL, HR, IT, CY, LV, LU, HU, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI u SE), filwaqt li d-dikjarazzjonijiet tal-2022 ġew spezzjonati għal 12-il Stat Membru (CZ, DK, DE, IE, HR, CY, HU, NL, AT, PL, FI, u SE).

[22] Ir-riżervi relatati ma' każijiet ta' ksur jistgħu jieħdu aktar żmien biex jiġu solvuti peress li xi whud minnhom qed jistennew analiżi legali jew sentenzi mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

dawn l-Istati Membri, ir-rata medja ponderata hija proviżorja f'dan l-istadju u ssir definittiva biss ladarba r-riżerva tkun tneħħiet. L-Istati Membri huma l-Ġermanja, il-Kroazja, u l-Lussemburgu[23].

Evoluzzjoni tal-ksur fir-rigward tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT mill-2016 sal-2022

In-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tar-riżorsi proprji jwassal għal ksur. Il-proċeduri ta' ksur għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT huma estremament rari, u l-maġġoranza tad-diverġenzi ta' opinjonijiet jiġu solvuti matul iċ-ċiklu ta' verifika li jippermetti korrezzjonijiet u aġġustamenti fi żmien 4 snin. Bejn l-2016 u l-2022, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' ksur waħda (Kaxxa 2). L-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida s'issa għad ma kellha l-ebda impatt fuq il-ksur. L-introduzzjoni tar-rata medja ponderata ffriżata u l-eliminazzjoni tal-maġġoranza tal-kumpensi għamluha ħafna aktar faċli biex jiġu kkalkulati l-bażijiet tal-VAT u għandhom il-potenzjal li jillimitaw l-għadd ta' tilwim mal-Istati Membri.

Għalkemm relattivament rari, il-proċeduri ta' ksur huma inċentiv qawwi għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tar-riżorsi proprji u huma essenzjali għall-kredibbiltà tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE. Dawn il-proċeduri jiżguraw trattament ugwali tal-Istati Membri u dixxiplina fil-mod kif jinġabar id-dħul.

Kaxxa 2: Proċeduri ta' ksur pendenti

Fil-perjodu 2016-2022, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' ksur waħda relatata mar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (proċedura punt uniku ta' servizz żgħir tar-Renju Unit – ksur 2020/2316). Il-punt uniku ta' servizz żgħir (MOSS) ġie introdott fl-1 ta' Jannar 2015 u ġie estiż, biex isir punt uniku ta' servizz (OSS) mill-1 ta' Lulju 2021, u jkopri firxa usa' ta' provvisti u jagħmel l-affarijiet saħansitra aktar faċli, kif tiddeskrivi l-Kaxxa 1. Il-punt uniku ta' servizz żgħir tal-VAT huwa skema fakultattiva li tippermetti lill-kontribwenti jagħtu rendikont dwar il-VAT, normalment dovuta f'diversi Stati Membri, fi Stat Membru wieħed biss. Is-servizzi inklużi fl-iskema MOSS jinkludu telekomunikazzjoni transfruntiera, xandir bit-televiżjoni u bir-radju, u servizzi diġitali. L-Istat Membru fejn isir il-pagament jista' jżomm 30 % tal-VAT imħallsa fl-2015 u l-2016 u 15 % fl-2017 u l-2018. Din il-VAT miżmuma għandha tiġi inkluża fil-bażi tal-VAT għall-fini tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

Mill-2015 sal-2018, l-awtoritajiet nazzjonali tar-Renju Unit ma qisux iż-żamma tal-MOSS bħala VAT u għalhekk ma kkunsidrawhomx fid-dikjarazzjoni tagħhom għall-kalkolu u l-pagament tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Wara li rċieva opinjoni motivata mill-Kummissjoni f'Novembru 2023, ir-Renju Unit talab estensjoni tat-terminu għat-tweġiba, u ħadem mill-qrib mal-Kummissjoni biex jiddetermina b'mod preċiż l-ammont ta' riżorsi li kienu għadhom dovuti u biex isolvi l-każ. Wara diskussjonijiet estensivi intlaħaq ftehim u r-Renju Unit għamel disponibbli l-ammont ta' kapital dovut f'Lulju 2024 (GBP 4,016 miljun). L-ammont ta' mgħax dovut (GBP 3,05 miljun) ġie inkluż fil-fattura ta' Settembru tar-Renju Unit u l-Kummissjoni se tkun tista' tipproċedi

[23] L-Anness 7 juri wkoll dettall tal-perċentwali tar-rata medja ponderata tal-2016 għal kull Stat Membru u l-istatus tagħhom. Ta' min jinnota li l-bażi tal-VAT fil-Kroazja u fil-Lussemburgu hija ogħla b'mod sinifikanti mill-bażi limitata, u l-bażijiet tal-VAT ikkalkulati tagħhom huma sostitwiti b'valur li jikkorrispondi għal 50 % tal-ING rispettiv tagħhom. Dan jimplika li kwalunkwe bidla fil-perċentwali tar-rati tagħhom ma taffettwax id-daqs tal-kontribuzzjonijiet tagħhom tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

bl-għeluq formali ta’ dan il-każ ladarba l-aħħar ħlas parzjali ta’ din il-fattura jkun sar (l-ewwel nofs tal-2025).

2.4. Feedback mill-Istati Membri

Fit-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-Istati Membri (Anness 8) biex tikseb feedback dwar il-valutazzjoni tagħhom tas-sistema l-ġdida simplifikata tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT. L-Istati Membri ntalbu jagħtu punteġġ lis-sistema l-ġdida, iqisu l-karatteristiċi li japprezzaw l-aktar/l-inqas u jirriflettu fuq l-iffrankar possibbli li s-sistema l-ġdida tista' ġġib (pereżempju, fl-ammont ta' xogħol, l-għadd ta' persunal), u jekk possibbli, biex jikkwantifikaw dak it-tfaddil.

PUNTEĠĠ TAS-SISTEMA L-ĠDIDA


Fuq skala minn 1 sa 10 (fejn 10 huwa l-ogħla punteġġ), 26 Stat Membru (Stat Membru wieħed ma ta l-ebda punteġġ) taw lis-sistema l-ġdida punteġġ ta' 8,9 bħala medja. Meta l-punteġġi tpoġġew f'gradilja b'5 kategoriji (Tabella 11), il-maġġoranza (15) mis-26 Stat Membru li rrispondew irrapportaw li kienu "sodisfatti ħafna" bis-sistema l-ġdida, filwaqt li 11-il Stat Membru rrapportaw li kienu "sodisfatti", li minnhom 2 biss taw lis-sistema l-ġdida punteġġ ta' 7. L-Istati Membri enfasizzaw aspetti differenti bħala partikolarment pożittivi fid-dawl tal-punteġġ tagħhom. Huma indikaw it-tul ta' żmien inqas u ir-riżorsi umani inqas meħtieġa biex ifasslu d-dikjarazzjoni annwali tal-VAT u jipparteċipaw fiċ-ċiklu ta' spezzjoni, speċjalment grazzi għall-użu tar-rata medja ponderata ffriżata u l-eliminazzjoni ta' kumpensi/korrezzjonijiet. Il-benefiċċji dehru wkoll f'inqas suxxettibbiltà għall-iżbalji u l-piż amministrattiv imnaqqas b'mod ġenerali.

Tabella 11 – Punteġġ tas-sistema l-ġdida

1-2	3-4	5-6	7-8	9-10
Mhux sodisfatt ħafna	**Mhux sodisfatt**	**La sodisfatt u lanqas mhux sodisfatt**	**Sodisfatt**	**Sodisfatt ħafna**
0	0	0	11	15

Sors: It-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarju; Stat Membru wieħed ma pprovdiex punteġġ

Ċart 4 – Punteġġ ta' sodisfazzjon bis-sistema l-ġdida fuq skala minn 1 sa 10



Sors: It-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarju

L-AQWA VALURI TAS-SISTEMA L-ĠDIDA

L-Istati Membri vvalutaw l-aktar kif is-sistema l-ġdida hija aktar faċli biex tintuża, peress li l-kumpensi u l-korrezzjonijiet tneħħew (16-il Stat Membru) u l-kalkolu annwali tar-rata medja ponderata ma għadux meħtieġ (19-il Stat Membru). Xi Stati Membri (7) irrimarkaw ukoll, fi gradi differenti, li l-kalkolu ssimplifikat issa huwa marbut ħafna aktar mill-qrib mad-dħul attwali mill-VAT. Xi wħud qalu wkoll li partijiet mill-kalkoli preċedenti kienu jeħtieġu riżorsi sinifikanti iżda kellhom impatt limitat fuq ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Stat Membru wieħed kien kuntent ħafna wkoll li s-sistema l-ġdida tipprovdi kundizzjonijiet aktar ekwi bejn l-Istati Membri minħabba li diskrepanzi marbuta ma' metodi u sorsi ta' *data* differenti għall-kalkolu tar-rata medja ponderata u l-kumpensi ma għadhomx rilevanti. Iffrankar ġenerali ta' ħin, tnaqqis fl-ammont ta' xogħol u l-piż amministrattiv (pereżempju, inqas awtoritajiet nazzjonali jew fornituri esterni oħra ta' sorsi tad-*data* huma involuti), effetti pożittivi (mistennija) fuq iċ-ċiklu ta' spezzjoni (b'mod partikolari minħabba korrezzjonijiet/kumpensi aboliti), kif ukoll mudelli ċari u komprensivi, ġew ukoll rikonoxxuti b'mod pożittiv mill-Istati Membri. Stat Membru wieħed biss talab biex il-metodu ta' kalkolu jiġi magħmul saħansitra aktar faċli.

IL-KARATTERISTIĊI L-INQAS SIEWJA TAS-SISTEMA L-ĠDIDA

Anki jekk is-sistema l-ġdida ġiet riċevuta b'mod pożittiv, ftit Stati Membri identifikaw lok għal titjib. B'mod partikolari, ħames Stati Membri rrimarkaw li l-użu ta' rata medja ponderata ffriżata jista' ma jirriflettix bidliet fil-liġi nazzjonali tal-VAT, speċjalment bidliet fir-rati tal-VAT, u jillimita l-akkuratezza; tliet Stati Membri semmew il-piż tar-riżervi relatati mas-sistema l-antika; tlieta semmew l-inċertezza dwar kalkoli futuri potenzjali ġodda tar-rata medja ponderata; Stat Membru wieħed semma l-kalkoli kumplessi għal korrezzjonijiet eżistenti b'impatt finanzjarju limitat; u seba' Stati Membri semmew il-ħtieġa li r-rata tkompli tiġi kkalkulata minħabba l-istudju dwar id-diskrepanza tal-VAT. Tlettax-il Stat Membru ma rrapportawx li kien hemm xi karatteristiċi inqas siewja tas-sistema l-ġdida tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT.

IMPATT TAS-SISTEMA L-ĠDIDA FUQ IR-RIŻORSI

Dwar l-impatt fuq it-tfaddil (pereżempju, it-tnaqqis tal-persunal, l-ammont ta' xogħol, il-kostijiet) tas-sistema l-ġdida, 21 Stat Membru taw tweġiba kjarament pożittiva iżda fil-parti l-kbira ġenerika. Ġeneralment ikkonfermaw tnaqqis notevoli tal-ammont ta' xogħol għat-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-VAT (minn xhur għal ftit jiem biss) u enfasizzaw l-iffrankar ta' ħin fir-rigward ta' korrezzjonijiet/kumpensi preċedenti, il-kalkolu tar-rata medja ponderata u l-użu ta' fornituri esterni tad-*data*.

It-tfaddil li sar possibbli mir-riforma tas-sistema għat-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT, kif ukoll it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fl-ispezzjonijiet, ġew ikkwantifikati minn 14-il Stat Membru. It-tweġibiet juru varjetà wiesgħa ta' metodi ta' tfaddil u ta' kalkolu użati. Pereżempju, ġie rrapportat tfaddil, minn 0,2 sa 0,3 ekwivalenti għall-full-time għal tfaddil ta' 90 % fl-ammont ta' xogħol meta mqabbel mar-riżorsi allokati għas-sistema l-antika.

2.5. Konklużjoni

L-analiżi turi li s-simplifikazzjoni tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ġeneralment laħqet l-għanijiet tagħha li tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni.

In-nuqqas ta' tkomplija ta' ċerti korrezzjonijiet u kumpensi naqqas il-kumplessità tal-kalkoli, mingħajr ma kellu impatt sinifikanti fuq il-valur tal-bażi tal-VAT li fuqha tinġabar ir-riżorsa proprja. L-impatt tal-korrezzjonijiet li ma tkomplewx mhuwiex ogħla minn 0,1 % tad-dħul nett, filwaqt li l-kumpensi li ma tkomplewx jammontaw għal mhux aktar minn 0,6 % tal-bażi totali tal-VAT. Il-valur tal-bażi illimitat tal-VAT qed ikompli jiżdied maż-żmien, b'fatturi makroekonomiċi marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 li qed ikollhom rwol ewlieni f'dawn l-aħħar snin.

Fl-istess ħin, il-ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ma ġiex affettwat mis-sistema l-ġdida tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT peress li r-regoli dwar it-tbassir, l-ibbilanċjar u l-ġbir ma nbidlux meta ġiet introdotta s-simplifikazzjoni[24].

L-għadd ta' riżervi naqas ftit maż-żmien hekk kif il-maġġoranza tal-kumpensi u l-korrezzjonijiet ma tkomplewx. Il-maġġoranza tar-riżervi miftuħa għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti fis-sistema preċedenti li ma tkomplewx. Ladarba dawn ir-riżervi jkunu ġew indirizzati u solvuti fi spezzjonijiet futuri, l-għadd ta' riżervi miftuħa huwa mistenni li jonqos b'mod sinifikanti flimkien mar-riżorsi amministrattivi meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn ir-riżervi kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri.

L-impatt pożittiv tar-riforma fuq il-piż amministrattiv ġie rikonoxxut mill-Istati Membri. Għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat u kkwantifikat bis-sħiħ it-tfaddil amministrattiv tal-bidla kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, iżda jidher li s-sistema l-ġdida ġabet magħha benefiċċji sostanzjali, filwaqt li tiżgura l-effettività kontinwa tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT. Xi Stati Membri esprimew tħassib li l-użu tar-rata medja ponderata ffriżata tal-2016 jista' ma jirriflettix bidliet sinifikanti fir-rati nazzjonali tal-VAT, u b'hekk inaqqas l-akkuratezza tal-bażi tal-VAT.

L-iffriżar tar-rata fil-livell tagħha tal-2016 jista' joħloq inċentivi finanzjarji negattivi, fis-sens li kwalunkwe tnaqqis sussegwenti tar-rata (jew tnaqqis fil-bażi, jew ċaqliq ta' klassi ta' tranżazzjonijiet għal kategorija aktar baxxa tal-VAT) jista' jispiċċa jnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Istat Membru lill-baġit tal-UE.

Il-kwistjoni tal-adegwatezza tal-applikazzjoni tar-rata medja ponderata tal-2016 se tiġi evalwata fil-kapitolu li jmiss.

[24] Ta' min jinnota li r-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni fl-2021, li tipposponi l-pagament tal-bilanċi u li tiffissa limitu massimu għall-impatt tal-imgħax ta' inadempjenza, ma kinitx relatata mas-simplifikazzjoni li qed tiġi analizzata.

3. Evoluzzjoni tar-rata medja ponderata mill-2016


3.1. Evoluzzjoni tar-rata medja ponderata: 2016-2020

Bejn l-2016 u l-2020, ir-rata medja ponderata baqgħet stabbli għall-maġġoranza tal-Istati Membri. Il-Ġermanja, il-Greċja u l-Kroazja biss raw bidliet ta' aktar minn punt perċentwali meta mqabbla mar-rata fl-2016, u wrew rati aktar baxxi fl-2019 jew fl-2020 meta mqabbla mal-2016, primarjament minħabba r-reazzjonijiet għall-pandemija tal-COVID-19.

Ġeneralment, ir-rati medji ponderati tal-Istati Membri evolvew minħabba bidliet fir-rati ġenerali tal-VAT jew l-applikazzjoni ta' kategoriji differenti ta' VAT għal ċerti prodotti. Il-Ġermanja u l-Irlanda naqqsu r-rati tal-VAT imnaqqsa u standard tagħhom, filwaqt li l-Awstrija introduċew rata mnaqqsa ġdida. Ħafna pajjiżi applikaw ukoll rati mnaqqsa jew rata mnaqqsa ħafna[25] għal kategoriji speċifiċi ta' prodotti. Pereżempju, ir-ristoranti u l-lukandi raw tnaqqis fl-Awstrija, fil-Belġju, fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fil-Kroazja, fl-Ungerija, fl-Irlanda u fil-Litwanja. Is-settur tat-trasport tal-passiġġieri kien soġġett għal rati mnaqqsa tal-VAT fiċ-Ċekja u fil-Greċja. Ir-rati tal-VAT fuq il-kotba u l-gazzetti tnaqqsu wkoll fl-Awstrija, fil-Bulgarija, fil-Latvja, fis-Slovenja u fis-Slovakkja.

Is-settur tar-rikreazzjoni u tal-kultura, li jkopri ċ-ċinema, it-teatri u l-kunċerti, ra tnaqqis tal-VAT f'għadd ta' Stati Membri, inklużi l-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovenja. Għall-kuntrarju ta' dan, iż-żieda fir-rata medja ponderata tan-Netherlands fl-2019 kienet dovuta għal żieda fir-rata mnaqqsa tal-VAT. Id-Danimarka tapplika rata waħda biss tal-VAT, mingħajr tibdil fir-rata medja ponderata tagħha.[26]

Ċart 5 – Bidla assoluta fir-rata medja ponderata tal-2019-2020 meta mqabbla mal-2016 (f'punti perċentwali)



Sors: Id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-Istati Membri għas-snin finanzjarji 2016, 2019 u 2020

[25] Rata mnaqqsa ħafna hija taħt ir-rata minima ta' 5 % u tista' tiġi applikata għal lista limitata ta' oġġetti u servizzi (l-Artikolu 98(2) tad-Direttiva tal-VAT).
[26] L-Anness 12 jippreżenta l-evoluzzjoni tar-rati medji ponderati tal-Istati Membri fil-perjodu 2016 - 2020

Kaxxa 3: Bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-VAT li jistgħu jaffettwaw ir-rata medja ponderata

F'April 2016 il-Kummissjoni ħarġet il-*Pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu*[27]. Dan il-pjan ta' azzjoni jistabbilixxi l-perkors lejn il-ħolqien ta' żona unika tal-VAT fl-UE. F'dan il-kuntest, mill-2016 id-Direttiva tal-VAT ġiet emendata diversi drabi (16-il Direttiva adottati li jemendawha – Anness 10). L-impatt ta' dawn l-emendi huwa mistenni li jkollu effett maż-żmien u se jkompli jkollu impatt fundamentali fuq il-funzjonament tas-sistema tal-VAT u s-suq intern fis-snin li ġejjin.

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud tipprovdi l-possibbiltà li jinżammu rati preferenzjali għal prodotti li għalihom diġà kienu jeżistu derogi għal xi Stati Membri li jippermettu lill-Istati Membri l-oħra jiksbu aċċess għal dawk id-derogi, l-introduzzjoni ta' rati inqas minn 5 % (projbiti qabel l-emenda), u l-possibbiltà li jiġu applikati rati mnaqqsa għal aktar prodotti. Dawn l-emendi jista' jkollhom impatt fuq ir-rata medja ponderata pluriennali, attwalment stabbilita fil-livelli tal-2016.

Fl-aħħar nett, b'mod partikolari għall-2020 u l-2021, l-adegwatezza tar-rata medja ponderata pluriennali setgħet ġiet affettwata wkoll mid-Direttivi[28] adottati għall-miżuri temporanji b'rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għall-vaċċini tal-COVID-19 u għal apparat mediku dijanjostiku *in vitro* b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, u l-eżenzjonijiet temporanji fuq importazzjonijiet u ċerti provvisti, bi tweġiba għall-pandemija tal-COVID-19.

3.2. Evoluzzjoni tar-rata medja ponderata: Stima għall-2021-2024

Mill-2021, l-Istati Membri ma għadhomx meħtieġa jikkalkulaw ir-rati medji ponderati għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Għalhekk, din it-taqsima tagħmel stima ta' dawk ir-rati għas-snin 2021-2024 sabiex tiġi evalwata l-adegwatezza tal-applikazzjoni tar-rata tal-2016 użata f'dan il-perjodu. Il-Kummissjoni stmat ir-rata medja ponderata wara l-2020, bl-użu ta' metodu ta' kalkolu simplifikat meta mqabbel mal-kalkoli tar-rata medja ponderata attwali tal-Istati Membri. Dan il-metodu juża biss id-*data* tal-konsum tal-unitajiet domestiċi privati (Kaxxa 4).

[27] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM/2016/0148 final.

[28] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/2020 tas-7 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE fir-rigward ta' miżuri temporanji b'rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għall-vaċċini tal-COVID-19 u għal apparat mediku dijanjostiku *in vitro* b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19;
Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/1159 tat-13 ta' Lulju 2021 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-eżenzjonijiet temporanji fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

Kaxxa 4: Spjegazzjoni tal-metodu simplifikat għar-rata medja ponderata

Sal-2020, il-kalkolu tar-rata medja ponderata, kif sar mill-Istati Membri, kien jeħtieġ ħafna informazzjoni dettaljata dwar, pereżempju, kategoriji ta' nefqa differenti, ir-rati tal-VAT tagħhom jew is-sub-kategoriji eżentati. Il-maġġoranza ta' din l-informazzjoni mhijiex disponibbli faċilment mingħajr investigazzjonijiet u kalkoli dettaljati tal-Istati Membri. Id-determinant ewlieni tar-rata medja ponderata, li jikkostitwixxi madwar 60-80 % tan-nefqa tal-Istati Membri soġġetta għall-VAT, huwa l-konsum tal-unitajiet domestiċi privati. Id-*data* dwar il-konsum tal-unitajiet domestiċi privati, bħala parti mill-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri, hija disponibbli pubblikament mill-Eurostat. Ir-rata medja ponderata simplifikata tiddependi fuq stimi bbażati fuq din id-*data* tal-unitajiet domestiċi iżda tastjeni minn kalkoli ta' kategoriji oħra, bħal xiri mill-gvern, il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss, u l-konsum intermedju tal-kumpaniji (ara l-Anness 14 għal tqassim tal-konsum għal kull Stat Membru) .
Ir-rata medja ponderata simplifikata (S-WAR) tapplika r-rata ta' tkabbir tar-rata medja ponderata bbażata fuq *data* tal-konsum tal-unitajiet domestiċi, imsejħa rata medja ponderata tal-unitajiet domestiċi (HH-WAR) tas-sena N, billi tuża s-sena B bħala l-bażi (sena ta' referenza), għar-rata medja ponderata attwali tas-sena bażi:

$$S\text{-}WAR_N = WAR_B \times \frac{HH - WAR_N}{HH - WAR_B}$$

Ir-rata medja ponderata tal-unitajiet domestiċi (HH-WAR) hija kkalkulata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea (JRC, Joint Research Centre). Deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija tinsab fl-Anness 15.


L-Anness 13 jippreżenta paragun bejn ir-rata medja ponderata simplifikata għall-2020 u r-rati attwali.

Skont dawn l-istimi, ir-rata medja ponderata simplifikata bejn l-2021 u l-2024 fl-Istati Membri baqgħet relattivament qrib ir-rata medja ponderata attwali mill-2016. Fi 13 minn 27 Stat Membru, ir-rata medja ponderata simplifikata baqgħet f'differenza ta' punt perċentwali tar-rata tal-2016 matul is-snin kollha osservati (2021-2024). Bidliet sinifikanti fir-rata medja ponderata akbar minn żewġ punti perċentwali ġew osservati biss fi ftit pajjiżi: Il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Polonja u r-Rumanija.

Ġeneralment, bidliet fir-rata medja ponderata simplifikata fil-qafas ta' żmien osservat jistgħu jiġu attribwiti għal bidliet fix-xejriet tal-konsum u r-rati tal-VAT. Ħafna drabi r-rata tal-VAT naqset għall-elettriku, il-gass, jew il-fjuwils b'reazzjoni għal nuqqas ta' provvista tal-enerġija u ż-żidiet fil-prezzijiet relatati wara l-attakk Russu fuq l-Ukrajna. Dan it-tnaqqis deher fil-Belġju, fil-Bulgarija, fi Spanja, fil-Kroazja, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Polonja, u fil-Portugall. Rati aktar baxxi fuq prodotti tal-ikel, bħall-frott u l-ħaxix, ikkontribwew ukoll għall-bidliet fi Spanja, fil-Kroazja, fl-Italja u fil-Polonja. Xi pajjiżi, inklużi l-Belġju, il-Ġermanja, ir-Rumanija u l-Irlanda, reġġgħu lura t-tnaqqis temporanju tar-rata tal-VAT implimentati matul il-pandemija tal-COVID-19, li rriżultaw f'żidiet fir-rati medji ponderati tagħhom. It-tnaqqis tar-rata tal-VAT fuq l-elettriku, il-gass u l-fjuwils tneħħa wkoll f'xi pajjiżi, bħall-Polonja, u dan jispjega ż-żieda tar-rata medja ponderata fl-2023 u l-2024.

Rigward il-bidliet fir-rati nazzjonali tal-VAT, l-Anness 11 jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-rati tal-VAT applikabbli f'kull Stat Membru fil-perjodu 2016-2023.


Ċart 6 – Bidla assoluta fir-rati medji ponderati simplifikati mill-2021 sal-2024 meta mqabbla mar-rata medja ponderata tal-2016 (punti perċentwali)



Sors: Kalkoli proprji.

Fl-2024, huwa mistenni li l-maġġoranza tal-miżuri tal-VAT meħuda mill-Istati Membri biex jagħtu rendikont tal-impatti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 tneħħew. Dan ifisser li meta tiġi mqabbla r-rata medja ponderata tal-2016 mar-rata simplifikata tal-2024 għandha tagħti indikazzjoni utli tal-adegwatezza tar-rata tal-2016 wara l-pandemija. Għall-maġġoranza tal-pajjiżi, ir-rata medja ponderata fl-2024 kienet taħt ir-rata tal-2016, bi tnaqqis ta' bejn 5 % u 10 % għal ħafna pajjiżi. Il-Ġermanja, il-Kroazja u r-Rumanija juru l-akbar tnaqqis, ta' madwar 10 %.

Ċart 7 – Bidla relattiva fir-rata medja ponderata simplifikata tal-2024 meta mqabbla mar-rata medja ponderata tal-2016 (%)



Sors: Kalkoli proprji.

3.3. Konklużjoni tal-analiżi tar-rata medja ponderata

Bħala konklużjoni, l-analiżi tal-istima tar-rata medja ponderata simplifikata tindika li l-applikazzjoni tar-rata medja ponderata tal-2016 għas-snin 2021 sal-2024 tidher li kienet adegwata għall-maġġoranza tal-Istati Membri. L-istimi juru li l-għadd ta' pajjiżi li r-rata medja ponderata tagħhom kieku kienet tkun konsiderevolment differenti (ogħla minn 10 %) huwa żgħir ħafna.

Il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien affettwat minn diversi avvenimenti b'impatt potenzjali fuq ir-rati tal-VAT applikabbli u konsegwentement fuq ir-riżorsi proprji tal-VAT. Bidliet temporanji fir-rati tal-VAT marbuta mal-miżuri tal-COVID-19, kif ukoll flessibbiltà akbar għall-iffissar tar-rati tal-VAT f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542, jagħmluha diffiċli biex jiġi stmat l-impatt tal-applikazzjoni tar-rata ffriżata tal-2016 b'mod iżolat. Madankollu, l-analiżi tissuġġerixxi li n-nuqqas ta' tkomplija tal-kalkolu annwali tar-rata medja ponderata kellu impatt limitat fuq id-distribuzzjoni ġusta tal-kontribuzzjoni tal-VAT għall-baġit tal-UE, filwaqt li naqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u l-Istati Membri.

4. Konklużjoni

Dan ir-rapport jivvaluta l-funzjonament tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT wara l-bidliet introdotti mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2021/769, b'mod partikolari l-adegwatezza tar-rata medja ponderata pluriennali ffriżata.

Kif deskritt fil-Kapitolu 2, in-nuqqas ta' tkomplija tal-maġġoranza tal-kumpensi u l-korrezzjonijiet ma kellhiex effett sinifikanti fuq l-ammont tal-bażi tar-riżorsa proprja tal-VAT, filwaqt li l-għadd ta' riżervi miftuħa ġie mnaqqas. Flimkien mal-metodu simplifikat tal-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT bir-rata medja ponderata ffriżata tal-2016, il-piż amministrattiv kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq il-Kummissjoni naqas b'mod notevoli.

Bħalissa hemm tliet Stati Membri li jużaw rata proviżorja tal-2016 minħabba riżervi miftuħa: Il-Ġermanja, il-Kroazja u l-Lussemburgu (l-Anness 9 juri r-rata medja ponderata għal kull Stat Membru).

Dwar l-adegwatezza tar-rata ffriżata, il-Kapitolu 3 juri li l-impatt stmat tal-użu tar-rata tal-2016 fis-snin 2021 sal-2024 wassal biss għal devjazzjonijiet mir-rata attwali ta' aktar minn punt perċentwali għal għadd żgħir ta' Stati Membri. B'mod ġenerali, id-devjazzjonijiet stmati ċkienu fl-2024 minħabba l-aġġustamenti li saru biex jiġġieldu l-impatti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19. Dawn id-devjazzjonijiet mir-rata stmata fl-2024 ivarjaw minn +4 % sa -11 %.

L-Anness 11 jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-rati tal-VAT applikabbli f'kull Stat Membru fil-perjodu 2016-2023.

Anness

Anness 1 Tabella Sommarja tad-Dikjarazzjoni

Riżorsi proprja tal-VAT skont ir-Regolament tal-Kunsill 1553/89

Kodiċi			Negattiv	Pożittiv
	Dħul			
R.1	Dħul			
R.2	Multi u mgħax			
R.3	Kostijiet ta' rkupru			
R.4	Intrapriżi żgħar intaxxati (-)			
R.5.1	Korrezzjonijiet oħra (+)			
R.5.2	Korrezzjonijiet oħra (-)			
R.6	Ħelsien mit-taxxa gradwat			
R.7.1	Bdiewa b'rata fissa (+)			
R.7.2	Bdiewa b'rata fissa (-)			
R.8	Dħul nett			
W	Rata medja ponderata (%)			
IB	Bażi intermedja			
	Kumpens għall-bażi			
SE.1	Intrapriżi żgħar eżentati (+)			
E.2	Intrapriżi żgħar eżentati (-)			
	L-Anness X, il-parti A tad-Direttiva 2006/112/KE			
XA.1	Tekniċi dentali			
XA.2	Radju u televiżjoni pubbliċi			
XA.3	Bini eżistenti u art tajba għall-bini			
XA.4	Aġenti tal-ivvjaġġar (barra mill-UE)			
XA.T	Total Anness X, il-parti A			
	L-Anness X, il-parti B tad-Direttiva 2006/112/KE			
XB.1	Dħul għal avvenimenti sportivi			
XB.2	Professjonijiet liberi			
XB.3	Telekomunikazzjoni pubblika			
XB.4	Kremazzjoni u impriżi funebri			
XB.5	Persuni għomja			
XB.6	Kommemorazzjonijiet tal-vittmi tal-gwerra			
XB.7	Sptarijiet privati			
XB.8	Ilma pubbliku			
XB.9	Bini ġdid u art tajba għall-bini			

Kodiċi			Negattiv	Pożittiv
XB.10	Trasport tal-passiġġieri (parti domestika)			
XB.11	Inġenju tal-ajru			
XB.12	Bastimenti tal-gwerra			
XB.13	Aġenti tal-ivvjaġġar (fl-UE)			
XB.T	Total Anness X, il-parti B			
	Drittijiet ta' tnaqqis limitat			
RD.C	Karozzi			
RD.E	Nefqa fuq karozzi			
	Kumpensi oħra			
OC.1	Kumpensi oħra			
OC.2	Kumpensi oħra			
OC.3	Kumpensi oħra			
OC.4	Kumpensi oħra			
OC.5	Kumpensi oħra			
OC.6	Kumpensi oħra			
OC.7	Kumpensi oħra			
C.T	Kumpensi TOTALI			
Bażi finali tal-VAT				

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Anness 2 Tabella Sommarja tad-Dikjarazzjoni

Riżorsi proprji tal-VAT skont ir-Regolament tal-Kunsill 1553/89 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill 2021/769

Kodiċi	Deskrizzjoni	Munita użata:
R1	Dħul	
R1.1	Kwalunkwe ammont tal-VAT mhux irreġistrat fid-dħul (+)	
R1.2	Kwalunkwe ammont mhux tal-VAT irreġistrat fid-dħul (-)	
NR	Dħul nett	R1+R1.1–R1.2
A	Korrezzjoni tal-Artikolu 3(2)(a)[29] Kamp ta' applikazzjoni Territorjali_____ __(+)	
B	Korrezzjoni tal-Artikolu 3(2)(b)[30] Kamp ta' applikazzjoni Territorjali_____(+-)	
C_1	Korrezzjoni tal-Artikolu 3(2)(c) Ksur 1 _____(+)	
C_2	Korrezzjoni tal-Artikolu 3(2)(c) Ksur 2 _____(+)	
…	……	
C_n	Korrezzjoni tal-Artikolu 3(2)(c) Ksur n _____(+)	
TC	Korrezzjonijiet totali	A+jew–B+C_1…C_n
CNR	Dħul nett ikkoreġut	NR+jew–TC
WAR	Rata medja ponderata pluriennali (%)[31]	nn.nnnn%
FB	VAT JEW Bażi finali illimitata	CNR/WAR

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

[29] It-territorji msemmija taħt l-Artikolu 6 huma l-Muntanja Athos, il-Gżejjer Kanarji, it-territorji Franċiżi msemmijin fl-Artikoli 349 u 355(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Reunion, Saint-Barthelemy, Saint Martin), il-Gżejjer Aaland, iċ-Channel Islands, Campione d'Italia, l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano, il-Gżira ta' Heligoland, it-territorju ta' Buesingen, Ceuta, Melilla, u Livigno.

[30] It-territorji msemmija fl-Artikolu 7 huma l-Prinċipat ta' Monaco, l-Isle of Man u ż-Żona tal-Bażi Sovrana tar-Renju Unit ta' Akrotiri u Dhekelia.

[31] Ir-rata medja ponderata definittiva jew preliminari tas-sena 2016 espressa f'erba' punti deċimali mis-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ta' qabel l-2021.

Anness 3 Deskrizzjoni ta' kumpensi u korrezzjonijiet

Titlu	Deskrizzjoni	Għan	Referenza legali
R.2 Multi u mgħax	Biex jiġu eliminati elementi li mhumiex VAT iżda li huma mniżżla flimkien mal-VAT	Il-VAT miġbura biss għandha tikkostitwixxi l-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT	L-Artikolu 2(1) tas-CR 1553/89 l-antik u l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-VAT
R.3 Kostijiet ta' rkupru			
R.4 Ditti żgħar intaxxati	Biex jiġu eskluži tali ditti żgħar b'fatturat taħt l-EUR 10 000	L-Istati Membri għandhom l-għażla li jeskludu lil dawn id-ditti abbażi ta' sitwazzjonijiet fejn jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex japplikaw arranġamenti normali tal-VAT	L-Artikolu 2(3) tas-CR 1553/89 l-antik u t-Titolu XXI, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1 tad-Direttiva tal-VAT
R.5.1 & R.5.2 Korrezzjonijiet oħra	Biex jiġu kkoreġuti għal elementi oħra li jaffettwaw R.1 "Dħul miġbur" b'mod pożittiv jew negattiv	Il-VAT miġbura biss għandha tikkostitwixxi l-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Il-korrezzjonijiet inaqqsu elementi mhux tal-VAT u jżidu elementi tal-VAT irreġistrati xi mkien ieħor	L-Artikolu 2(1) tas-CR 1553/89 l-antik u l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-VAT
R.6 Ħelsien mit-taxxa gradwat	Ditti b'fatturat ta' aktar minn EUR 10 000 jistgħu jiġu skużati fuq skala progressiva milli jħallsu l-VAT dovuta	Biex jittaffa l-piż amministrattiv għal ditti żgħar meta japplikaw arranġamenti normali tal-VAT	L-Artikolu 5(1) tas-CR 1553/89 l-antik u t-Titolu XXI, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1 tad-Direttiva tal-VAT
R.7.1 u R.7.2 Bdiewa b'rata fissa	Peress li ċerti bdiewa jwettqu l-obbligi tal-VAT tagħhom b'mod differenti, l-effett ta' dan jeħtieġ li jiġi tradott f'effett pożittiv jew negattiv fuq R.1 "Dħul miġbur"	Biex jittaffa l-piż amministrattiv għall-bdiewa meta japplikaw arranġamenti normali tal-VAT	L-Artikolu 5(2) tas-CR 1553/89 l-antik u t-Titolu XXI, il-Kapitolu 2 tad-Direttiva tal-VAT
SE.1 u SE.2 Ditti żgħar eżentati	Biex jiġu inklużi tali ditti żgħar b'fatturat ta' aktar minn EUR 10 000 li huma eżentati u għalhekk mhux soġġetti għall-obbligi normali tal-VAT	Biex jiġu inklużi ditti eżentati b'fatturat ta' bejn l-EUR 10 000 u l-livelli limiti nazzjonali ta' eżenzjoni bħallikieku kienu soġġetti għall-obbligi normali tal-VAT	L-Artikolu 6(1) tas-CR 1553/89 l-antik u t-Titolu XXI, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1 tad-Direttiva tal-VAT
XA.1 Tekniċi dentali	Biex jiġi eskluż id-dħul mill-VAT relatat ma' ċerti provvisti li huma inklużi f'R.1, iżda ma għandhomx ikunu	Biex jitneħħew provvisti li huma ntaxxati fi Stat Membru iżda li għandhom ikunu eżentati	L-Artikolu 2(2), it-tieni inċiż u l-Artikolu 6(2), l-ewwel inċiż tas-CR 1553/89 l-antik, l-Artikolu 370 u l-Anness X, il-parti A tad-Direttiva tal-VAT
XA.2 Radju u televiżjoni pubbliċi			
XA.3 Bini eżistenti u art tajba għall-bini			
XA.4 Aġenti tal-ivvjaġġar (barra mill-UE)			

Titlu	Deskrizzjoni	Għan	Referenza legali
XB.1 Dħul għal avvenimenti sportivi	Biex jiġi inkluż id-dħul mill-VAT relatat ma' ċerti provvisti li mhumiex inklużi f'R.1, iżda għandhom ikunu	Biex tiżdied lura l-VAT fuq provvisti li huma eżentati fi Stat Membru iżda li għandhom jiġu ntaxxati	L-Artikolu 2(2), it-tielet inċiż u l-Artikolu 6(2) it-tieni inċiż tas-CR 1553/89 l-antik, l-Artikolu 371 u l-Anness X, il-parti B tad-Direttiva tal-VAT
XB.2 Professjonijiet liberi			
XB.3 Telekomunikazzjonijiet pubbliċi			
XB.4 Kremazzjoni u impriżi funebri			
XB.5 Persuni għomja			
XB.6 Kommemorazzjonijiet tal-vittmi tal-gwerra			
XB.7 Sptarijiet privati			
XB.8 Ilma pubbliku			
XB.9 Bini ġdid u art tajba għall-bini			
XB.10 Trasport tal-passiġġieri			
XB.11 Inġenji tal-ajru			
XB12 Bastimenti tal-gwerra			
XB13 Aġenti tal-ivvjaġġar			
RD.C Karozzi tal-kumpanija	Dan il-kumpens huwa fakultattiv għall-Istati Membri. Meta d-dritt ta' tnaqqis ġenerali jkun limitat, ikun meħtieġ kumpens negattiv peress li R.1 "Dħul miġbur" inkella jintefaħ meta mqabbel ma' Stati Membri oħra fejn id-dritt ta' tnaqqis għal dawn il-provvisti mhuwiex ristrett	Biex jiġi aġġustat R.1 "Dħul miġbur" sabiex tiġi imitata s-sitwazzjoni fejn dawn il-provvisti mhumiex soġġetti għal drittijiet ta' tnaqqis ristretti	L-Artikolu 6(4) tas-CR 1553/89 l-antik u l-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT
RD.E Nefqa fuq karozzi tal-kumpanija			
OC.1 – OC.n Kumpensi oħra	Eżempji tipiċi ta' "Kumpensi oħra" huma relatati ma' ksur, tbegħid mid-Direttiva tal-VAT li jkun simili għal ksur, jew ċerti aspetti tal-VAT tal-partikolaritajiet territorjali ta' Stat Membru.	Biex tiżdied lura l-VAT fuq provvisti li mhumiex soġġetti għal ksur jew ittrattati b'mod li b'xi mod ieħor jitbiegħed mit-trattament normali tal-VAT fi Stati Membri oħra	L-Artikolu 2(1) tas-CR 1553/89 l-antik u l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-VAT

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Anness 4 Tqabbil tal-bażijiet tar-riżorsa proprja tal-VAT għall-Istati Membri b'limitu massimu fl-2020 u l-2023

	2020			2023		
Pajjiż	Qabel l-iffissar ta' limitu massimu	Wara l-iffissar ta' limitu massimu	Differenza	Qabel l-iffissar ta' limitu massimu	Wara l-iffissar ta' limitu massimu	Differenza
	EUR biljuni	EUR biljuni	%	EUR biljuni	EUR biljuni	%
Il-Kroazja	33,212	24,518	-26 %	43,376	36,747	-15 %
Ċipru	15,360	9,834	-36 %	19,320	13,391	-31 %
Il-Lussemburgu	30,402	21,357	-30 %	41,205	27,719	-33 %
Malta	9,183	5,784	-37 %	9,745	8,403	-14 %
Il-Polonja	254,114	248,794	-2 %	359,996	351,380	-2 %
Il-Portugall	102,256	97,793	-4 %	M/A	M/A	M/A
Is-Slovenja	M/A	M/A	M/A	31,842	31,759	0 %

Sors: L-Adozzjoni definittiva (UE/Euratom) 2021/118 tal-baġit emendatorju Nru 9 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020; L-Adozzjoni definittiva (UE/Euratom) 2023/2750 tal-baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023.

Nota: L-iffissar ta' limitu massimu ma japplikax għall-Istati Membri l-oħra peress li l-bażi tal-VAT tagħhom hija taħt il-50 % tal-ING tagħhom.

Anness 5 Evoluzzjoni tal-bażijiet tal-VAT għal kull Stat Membru (biljun EUR)

Stat Membru	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
Il-Belġju	177	187	195	196	171	207	222
Il-Bulgarija	22	24	26	29	29	34	40
Iċ-Ċekja	70	81	87	92	89	99	118
Id-Danimarka	105	110	115	118	114	148	141
Il-Ġermanja	1 300	1 357	1 407	1 457	1 432	1 500	1 702
L-Estonja	10	11	12	13	13	15	17
L-Irlanda	78	86	88	94	78	96	117
Il-Greċja	70	70	74	79	69	74	89
Spanja	495	508	564	564	500	578	659
Franza	989	1 057	1 104	1 113	1 043	1 209	1 314
Il-Kroazja	28	30	33	37	31	35	40
L-Italja	659	702	713	733	645	764	897
Ċipru	12	14	16	16	16	16	19
Il-Latvja	11	11	12	13	13	14	18
Il-Litwanja	15	17	18	20	18	24	29
Il-Lussemburgu	27	27	28	30	30	35	40
L-Ungerija	44	48	54	60	57	60	70
Malta	7	7	8	9	8	7	9
In-Netherlands	290	303	326	335	329	381	431
L-Awstrija	159	168	173	178	173	184	212
Il-Polonja	171	224	242	252	238	276	315
Il-Portugall	91	99	104	113	103	106	127
Ir-Rumanija	62	68	78	82	78	86	102
Is-Slovenja	19	20	22	22	20	24	27
Is-Slovakkja	28	31	34	36	37	40	45
Il-Finlandja	93	96	100	105	102	114	121
L-Iżvezja	201	205	206	208	219	230	234
Total	5 231	5 565	5 839	6 006	5 654	6 355	7 154

Sors: Id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-Istati Membri għas-snin finanzjarji 2016-2022

Anness 6 Evoluzzjoni tal-bilanċi tal-VAT (EUR miljuni)*

Stat Membru	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
Il-Belġju	12,33	15,02	15,37	-8,42	-57,72	31,76	-13,23
Il-Bulgarija	2,32	4,58	1,92	4,68	5,46	7,14	8,46
Iċ-Ċekja	5,12	20,69	10,67	8,35	-4,18	9,59	20,28
Id-Danimarka	4,54	2,63	-21,97	-9,11	25,42	71,18	4,42
Il-Ġermanja	-6,57	14,07	14,67	-3,28	106,98	104,48	268,70
L-Estonja	0,14	1,09	0,49	0,65	0,32	3,08	3,00
L-Irlanda	-9,95	0,84	17,06	2,03	-41,81	11,46	27,42
Il-Greċja	-53,43	-12,05	-4,82	14,16	0,07	-42,82	41,17
Spanja	67,71	-9,52	128,69	85,19	-73,72	78,88	160,69
Franza	58,70	98,94	111,62	57,41	27,59	253,03	322,78
Il-Kroazja	2,75	2,88	2,55	2,99	11,28	9,02	11,13
L-Italja	262,80	145,51	87,06	48,96	-15,63	230,68	580,28
Ċipru	1,49	2,37	3,49	1,48	2,32	1,96	4,63
Il-Latvja	1,82	1,54	2,94	3,15	3,25	1,39	6,44
Il-Litwanja	1,13	0,71	2,26	3,08	0,74	10,26	17,26
Il-Lussemburgu	3,28	4,75	-8,57	-1,97	46,02	11,57	-8,04
L-Ungerija	-1,77	-1,54	8,47	11,37	13,65	11,04	26,90
Malta	0,81	1,38	-0,05	2,76	2,65	2,53	3,61
In-Netherlands	17,27	-0,77	7,72	-1,04	17,14	136,32	48,76
L-Awstrija	5,24	-1,22	5,51	1,65	2,32	16,49	39,83
Il-Polonja	-21,72	100,22	100,90	117,91	-12,60	79,52	58,82
Il-Portugall	9,11	6,14	9,15	11,63	2,66	1,80	20,91
Ir-Rumanija	19,50	5,60	10,15	17,41	-6,63	29,37	69,54
Is-Slovenja	1,37	2,74	3,68	0,78	-4,69	5,17	2,74
Is-Slovakkja	4,19	5,78	12,34	10,68	8,82	10,81	9,99
Il-Finlandja	5,12	7,82	3,68	11,69	-0,13	7,16	114,83
L-Iżvezja	6,85	3,54	-0,01	7,86	8,13	15,35	7,57
Total	400,15	423,73	524,96	402,03	67,72	1 108,22	1 858,89

Sors: Il-Kontijiet annwali tal-UE u l-kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea
*L-eżerċizzju tal-bilanċi jaġġusta d-*data* kull sena għall-aħħar sena disponibbli u għas-snin preċedenti.

Anness 7 Riżervi għal kull Stat Membru

	Numru totali ta' riżervi fil-31 ta' Diċembru 2023	Li minnhom, hemm riżervi li jkopru l-2021 u l-2022
Il-Belġju	1	-
Il-Bulgarija	-	-
Iċ-Ċekja	-	-
Id-Danimarka	7	-
Il-Ġermanja	8	-
L-Estonja	-	-
L-Irlanda	9	-
Il-Greċja	5	2
Spanja	-	-
Franza	2	-
Il-Kroazja	2	-
L-Italja	3	1
Ċipru	-	-
Il-Latvja	-	-
Il-Litwanja	-	-
Il-Lussemburgu	5	-
L-Ungerija	-	-
Malta	-	-
In-Netherlands	4	-
L-Awstrija	5	-
Il-Polonja	-	-
Il-Portugall	-	-
Ir-Rumanija	11	3
Is-Slovenja	-	-
Is-Slovakkja	-	-
Il-Finlandja	2	1
L-Iżvezja	1	-
UK	1	-
Total	66	7

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Anness 8 Kwestjonarju għall-Istati Membri

Kwestjonarju għar-rapport imsemmi fl-Artikolu 13a tar-Regolament tal-Kunsill 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir tar-riżorsi proprji li jakkumulaw mill-VAT.

1. Fuq skala minn 1 sa 10 (fejn 10 huwa l-ogħla punteġġ), kemm int sodisfatt bis-sistema l-ġdida introdotta mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 meta mqabbla ma' dik l-antika f'termini ta' żmien/riżorsi meħtieġa għat-tfassil tad-dikjarazzjoni annwali u biex titħejja u tieħu sehem fi spezzjoni (ċiklu sħiħ)?

2. X'inhuma l-karatteristiċi tas-sistema l-ġdida tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT li inti tapprezza l-aktar?

3. X'inhuma l-karatteristiċi tas-sistema l-ġdida tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT li inti tapprezza l-inqas?

4. L-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida wasslet għal xi tnaqqis fin-numru ta' nies, l-ammont ta' xogħol, kostijiet, jew riżorsi oħra?

5. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4 hija iva, tista' tikkwantifika t-tfaddil li sar possibbli mir-riforma relatata mat-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet kif ukoll it-tħejjija ta' u l-parteċipazzjoni fl-ispezzjonijiet (f'termini ta' ekwivalenti għall-full-time, ammont ta' xogħol, kostijiet, jew riżorsi oħra kif applikabbli)?

Anness 9 Perċentwali tar-rata medja ponderata u l-istatus għall-2016

Stat Membru	WAR 2016 (%)	Numru ta' riżervi	Status
Il-Belġju	16,1119 %	-	Definittiv
Il-Bulgarija	19,7258 %	-	Definittiv
Iċ-Ċekja	18,9045 %	-	Definittiv
Id-Danimarka	25,0000 %	-	Definittiv
il-Ġermanja*	16,7396 %	1	Proviżorju
L-Estonja	19,2187 %	-	Definittiv
L-Irlanda*	16,2875 %	2	Proviżorju
Il-Greċja	20,3585 %	-	Definittiv
Spanja	14,5883 %	-	Definittiv
Franza	15,3663 %	-	Definittiv
il-Kroazja*	22,0014 %	1	Proviżorju
L-Italja	15,5720 %	-	Definittiv
Ċipru	13,6041 %	-	Definittiv
Il-Latvja	19,7217 %	-	Definittiv
Il-Litwanja	19,7924 %	-	Definittiv
Il-Lussemburgu	13,0210 %	3	Proviżorju
L-Ungerija	24,3450 %	-	Definittiv
Malta	13,5716 %	-	Definittiv
In-Netherlands	16,4194 %	-	Definittiv
L-Awstrija	16,6805 %	-	Definittiv
Il-Polonja	17,0229 %	-	Definittiv
Il-Portugall	17,7076 %	-	Definittiv
Ir-Rumanija	18,6242 %	-	Definittiv
Is-Slovenja	17,4687 %	-	Definittiv
Is-Slovakkja	19,1907 %	-	Definittiv
Il-Finlandja	20,6655 %	-	Definittiv
L-Iżvezja	21,1007 %	-	Definittiv

Sors: Id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2016.

*Id-*data* ppreżentata f'dan l-Anness hija minn Marzu 2024. Wara spezzjonijiet li saru wara Marzu 2024, il-perċentwal għall-Irlanda sar definittiv (il-perċentwal il-ġdid huwa 16,2875). Barra minn hekk, il-perċentwal proviżorju għall-Ġermanja nbidel għal 16,7453 u għall-Kroazja nbidel għal 22,0578.

Anness 10 Lista tad-Direttivi tal-Kunsill li jemendaw id-Direttiva tal-VAT mis-sena 2016

1. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/856 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-perjodu tal-obbligu li tkun rispettata rata standard minima.
2. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1065 tas-27 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tat-trattament tal-vawċers.
3. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti.
4. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/912 tat-22 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima.
5. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1695 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fakultattiv fir-rigward ta' provvisti ta' ċerti merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi u tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT.
6. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1713 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi.
7. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1910 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.
8. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/475 tat-18 ta' Frar 2019 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE rigward l-inklużjoni tal-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE.
9. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li jirrelataw ma' bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija.
10. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/2235 tas-16 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni.
11. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/284 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament.
12. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1756 tal-20 ta' Novembru 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-identifikazzjoni tal-persuni taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq.

13. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/2020 tas-7 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE fir-rigward ta' miżuri temporanji b'rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għall-vaċċini tal-COVID-19 u għal apparat mediku dijanjostiku *in vitro* b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19.

14. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/1159 tat-13 ta' Lulju 2021 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-eżenzjonijiet temporanji fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19

15. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

16. Id-Direttiva tal-Kunsill 2022/890/UE tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fakultattiv fir-rigward ta' provvisti ta' ċerti oġġetti u servizzi suxxettibbli għall-frodi u tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT.

Anness 11 Rati tal-VAT applikabbli fl-Istati Membri

	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023
BE	6 %; 12 %; 21 %	6 %; 12 %; 21 %	6 %; 12 %; 21 %	6 %; 12 %; 21 %	6 %; 12 %; 21 %	6 %; 12 %; 21 %	6 %; 12 %; 21 %	6 %; 12 %; 21 %
BG	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %
CZ	10 %; 15 %; 21 %	10 %; 15 %; 21 %	10 %; 15 %; 21 %	10 %; 15 %; 21 %	10 %; 15 %; 21 %	10 %; 15 %; 21 %	10 %; 15 %; 21 %	10 %; 15 %; 21 %
DK	25 %	25 %	25 %	25 %	25 %	25 %	25 %	25 %
DE	7 %; 19 %	7 %; 19 %	7 %; 19 %	7 %; 19 %	7 %; 19 %	5/7 %; 16/19 %	7 %; 19 %	7 %; 19 %
EE	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	9 %; 20 %	5 %; 9 %; 20 %	5 %; 9 %; 20 %
IE	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 23 %	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 23 %	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 23 %	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 23 %	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 23/21 %	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 21/23 %	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 23 %	4,8 %; 9 %; 13,5 %; 23 %
EL	6 %; 13 %; 24 %	6 %; 13 %; 24 %	6 %; 13 %; 24 %	6 %; 13 %; 24 %	6 %; 13 %; 24 %	6 %; 13 %; 24 %	6 %; 13 %; 24 %	6 %; 13 %; 24 %
ES	4 %; 10 %; 21 %	4 %; 10 %; 21 %	4 %; 10 %; 21 %	4 %; 10 %; 21 %	4 %; 10 %; 21 %	4 %; 10 %; 21 %	4 %; 10 %; 21 %	4 %; 10 %; 21 %
FR	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %	2,1 %; 5,5 %; 10 %, 20 %
HR	5 %; 13 %; 25 %	5 %; 13 %; 25 %	5 %; 13 %; 25 %	5 %; 13 %; 25 %	5 %; 13 %; 25 %	5 %; 13 %; 25 %	5 %; 13 %; 25 %	5 %; 13 %; 25 %
IT	4 %; 5 %; 10 %; 22 %	4 %; 5 %; 10 %; 22 %	4 %; 5 %; 10 %; 22 %	4 %; 5 %; 10 %; 22 %	4 %; 5 %; 10 %; 22 %	4 %; 5 %; 10 %; 22 %	4 %; 5 %; 10 %; 22 %	4 %; 5 %; 10 %; 22 %
CY	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	3 %; 5 %; 9 %; 19 %
LV	12 %; 21 %	12 %; 21 %	12 %; 21 %	5 %; 12 %; 21 %	5 %; 12 %; 21 %	5 %; 12 %; 21 %	5 %; 12 %; 21 %	5 %; 12 %; 21 %

	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023
LT	5 %; 9 %; 21 %	5 %; 9 %; 21 %	5 %; 9 %; 21 %	5 %; 9 %; 21 %	5 %; 9 %; 21 %	5 %; 9 %; 21 %	5 %; 9 %; 21 %	5 %; 9 %; 21 %
LU	3 %; 8 %; 14 %; 17 %	3 %; 8 %; 14 %; 17 %	3 %; 8 %; 14 %; 17 %	3 %; 8 %; 14 %; 17 %	3 %; 8 %; 14 %; 17 %	3 %; 8 %; 14 %; 17 %	3 %; 8 %; 14 %; 17 %	3 %; 7 %; 13 %; 16 %
HU	5 %; 18 %; 27 %	5 %; 18 %; 27 %	5 %; 18 %; 27 %	5 %; 18 %; 27 %	5 %; 18 %; 27 %	5 %; 18 %; 27 %	5 %; 18 %; 27 %	5 %; 18 %; 27 %
MT	5 %; 7 %; 18 %	5 %; 7 %; 18 %	5 %; 7 %; 18 %	5 %; 7 %; 18 %	5 %; 7 %; 18 %	5 %; 7 %; 18 %	5 %; 7 %; 18 %	5 %; 7 %; 18 %
NL	6 %; 21 %	6 %; 21 %	6 %; 21 %	9 %; 21 %	9 %; 21 %	9 %; 21 %	9 %; 21 %	9 %; 21 %
AT	10 %; 13 %; 20 %	10 %; 13 %; 20 %	10 %; 13 %; 20 %	10 %; 13 %; 20 %	5 %, 10 %; 13 %; 20 %	5 %, 10 %; 13 %; 20 %	10 %; 13 %; 20 %	10 %; 13 %; 20 %
PL	5 %; 18 %; 23 %	5 %; 18 %; 23 %	5 %; 18 %; 23 %	5 %; 18 %; 23 %	5 %; 18 %; 23 %	5 %; 18 %; 23 %	5 %; 18 %; 23 %	5 %; 18 %; 23 %
PT	6 %; 13 %; 23 %	6 %; 13 %; 23 %	6 %; 13 %; 23 %	6 %; 13 %; 23 %	6 %; 13 %; 23 %	6 %; 13 %; 23 %	6 %; 13 %; 23 %	6 %; 13 %; 23 %
RO	5 %; 9 %; 20 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %	5 %; 9 %; 19 %
SI	9,5 %; 22 %	9,5 %; 22 %	9,5 %; 22 %	9,5 %; 22 %	5 %; 9,5 %; 22 %	5 %; 9,5 %; 22 %	5 %; 9,5 %; 22 %	5 %; 9,5 %; 22 %
SK	10 %; 20 %	10 %; 20 %	10 %; 20 %	10 %; 20 %	10 %; 20 %	10 %; 20 %	10 %; 20 %	10 %; 20 %
FI	10 %; 14 %; 24 %	10 %; 14 %; 24 %	10 %; 14 %; 24 %	10 %; 14 %; 24 %	10 %; 14 %; 24 %	10 %; 14 %; 24 %	10 %; 14 %; 24 %	10 %; 14 %; 24 %
SE	6 %; 12 %; 25 %	6 %; 12 %; 25 %	6 %; 12 %; 25 %	6 %; 12 %; 25 %	6 %; 12 %; 25 %	6 %; 12 %; 25 %	6 %; 12 %; 25 %	6 %; 12 %; 25 %

Sors: Il-bażi ta' *data* tat-Taxxi fl-Ewropa, il-lista preċedentement ippubblikata tar-rati tal-VAT, l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

Anness 12 Rati medji ponderati fl-Istati Membri, 2016-2020, f' %

Stat Membru	2016	2017	2018	2019	2020
Il-Belġju	16,1119	16,0177	15,9033	16,0603	15,9622
Il-Bulgarija	19,7258	19,7290	19,7185	19,7149	19,5845
Iċ-Ċekja	18,9045	18,8680	18,8187	18,7778	18,4913
Id-Danimarka	25,0000	25,0000	25,0000	25,0000	25,0000
Il-Ġermanja	16,7396	16,7185	16,7355	16,7636	15,4041
L-Estonja	19,2187	19,2257	19,1851	19,1873	19,1596
L-Irlanda	16,2875	16,3228	16,5002	16,5307	16,3979
Il-Greċja	20,3585	20,6506	20,6097	19,9687	18,4146
Spanja	14,5883	14,4696	14,3250	14,6177	14,5594
Franza	15,3663	15,2702	15,2840	15,4303	15,379
Il-Kroazja	22,0014	21,4101	21,5697	20,3610	21,0095
L-Italja	15,5720	15,4768	15,4872	15,5858	15,5942
Ċipru	13,6041	13,2560	12,5966	12,7172	13,5437
Il-Latvja	19,7217	19,8917	19,6934	19,7677	19,7213
Il-Litwanja	19,7924	20,0566	19,8387	19,8857	19,8848
Il-Lussemburgu	13,0210	12,8644	13,4055	13,2147	12,931
L-Ungerija	24,3450	23,8176	22,9542	23,1810	22,8911
Malta	13,5716	13,6878	13,5302	13,5795	13,3496
In-Netherlands	16,4194	16,4882	16,1383	16,9233	17,0848
L-Awstrija	16,6805	16,6223	16,8065	16,6780	15,892
Il-Polonja	17,0229	16,9906	16,9136	17,0331	17,1593
Il-Portugall	17,7076	17,0838	17,0488	16,8203	16,942
Ir-Rumanija	18,6242	16,9892	16,7183	16,8408	16,4777
Is-Slovenja	17,4687	17,4037	17,2777	17,3087	17,2753
Is-Slovakkja	19,1907	19,2161	19,1329	18,9486	18,7725
Il-Finlandja	20,6655	20,6719	20,6995	20,6476	20,6691
L-Iżvezja	21,1007	21,1800	21,2425	21,2911	21,2327

Sors: Id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-Istati Membri għas-snin finanzjarji 2016-2020.

Anness 13 Rata medja ponderata simplifikata tal-2020 ipparagunata mar-rata medja ponderata attwali tal-2020

Biex jingħata eżempju u tiġi ttestjata l-akkuratezza tar-rata medja ponderata simplifikata, dan l-anness jippreżenta kalkoli tar-rata medja ponderata simplifikata tal-2020 bl-użu tar-rata medja ponderata simplifikata tal-2019 bħala l-bażi.

$$S\text{-}WAR_{2020} = WAR_{2019} \times \frac{HH\text{-}WAR_{2020}}{HH\text{-}WAR_{2019}}$$

Biex tiġi vverifikata l-akkuratezza tal-istima, it-tabella tinkludi paragun mar-rata medja ponderata attwali tal-2020, irrapportata mill-Istati Membri fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom u vverifikata mill-Kummissjoni. Għall-maġġoranza tal-pajjiżi, ir-rata medja ponderata simplifikata tixbah ħafna r-rata medja ponderata attwali, b'differenza ta' inqas minn 0,2 punti perċentwali bejn it-tnejn. Meta ponderata mal-bażi tal-VAT tal-pajjiż inkwistjoni, ir-rata medja ponderata simplifikata tvarja bħala medja b'0,10 punti perċentwali biss mir-rata medja ponderata attwali tal-2020.

Kieku dan il-metodu simplifikat intuża minflok il-kalkolu sħiħ tar-rata medja ponderata, l-impatt finanzjarju kien ikun minimu. Il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri kienu jonqsu b'EUR 14,9 miljun biss fl-2020. Għall-maġġoranza tal-Istati Membri, il-kontribuzzjonijiet kienu jkunu aktar baxxi jew mhux affettwati minħabba l-mekkaniżmu tal-iffissar tal-limitu massimu.

Stat Membru	WAR simplifikata tal-2020	WAR attwali tal-2020	Differenza (punti perċentwali)	Impatt tar-riżorsi proprji tal-użu tal-WAR simplifikata (EUR miljuni.)	Impatt relattiv tar-riżorsi proprji
Il-Belġju	16,08 %	15,96 %	0,12 %	3,8	0,7 %
Il-Bulgarija	19,70 %	19,58 %	0,12 %	0,0	0,0 %
Iċ-Ċekja	18,54 %	18,49 %	0,05 %	0,7	0,3 %
Id-Danimarka	25,00 %	25,00 %	0,00 %	0,0	0,0 %
il-Ġermanja*	*16,66 %*	*15,40 %*	*1,25 %*	*321,9*	*7,5 %*
L-Estonja	19,19 %	19,16 %	0,03 %	0,1	0,1 %
L-Irlanda	16,49 %	16,40 %	0,09 %	1,3	0,5 %
Il-Greċja	17,09 %	18,41 %	-1,32 %	-16,0	-7,7 %
Spanja	14,59 %	14,56 %	0,03 %	3,1	0,2 %
Franza	15,42 %	15,38 %	0,05 %	9,2	0,3 %
Il-Kroazja	19,48 %	21,01 %	-1,53 %	0,0	0,0 %
L-Italja	15,58 %	15,59 %	-0,01 %	-1,2	-0,1 %
Ċipru	12,72 %	13,54 %	-0,82 %	0,0	0,0 %
Il-Latvja	19,79 %	19,72 %	0,06 %	0,1	0,3 %
Il-Litwanja	19,91 %	19,88 %	0,02 %	0,1	0,1 %

Stat Membru	WAR simplifikata tal-2020	WAR attwali tal-2020	Differenza (punti perċentwali)	Impatt tar-riżorsi proprji tal-użu tal-WAR simplifikata (EUR miljuni.)	Impatt relattiv tar-riżorsi proprji
Il-Lussemburgu	13,36 %	12,93 %	0,42 %	0,0	0,0 %
L-Ungerija	22,73 %	22,89 %	-0,16 %	-1,2	-0,7 %
Malta	13,52 %	13,35 %	0,17 %	0,0	0,0 %
In-Netherlands	16,94 %	17,08 %	-0,15 %	-8,5	-0,9 %
L-Awstrija	16,66 %	15,89 %	0,77 %	24,1	4,7 %
Il-Polonja	17,05 %	17,16 %	-0,11 %	-4,5	-0,6 %
Il-Portugall	16,79 %	16,94 %	-0,15 %	0,0	0,0 %
Ir-Rumanija	16,70 %	16,48 %	0,22 %	3,0	1,3 %
Is-Slovenja	17,31 %	17,28 %	0,03 %	0,1	0,2 %
Is-Slovakkja	18,62 %	18,77 %	-0,15 %	-0,9	-0,8 %
Il-Finlandja	20,66 %	20,67 %	-0,01 %	-0,1	0,0 %
L-Iżvezja	21,29 %	21,23 %	0,06 %	1,7	0,3 %
Medja tal-UE			0,25 %	2,9	
Medja ponderata tal-UE (skont il-Bażi tal-VAT)			0,10 %		
Total				14,9	

Sorsi: Id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-Istati Membri għas-snin finanzjarji 2019 u 2020, id-*data* tal-konsum EUROMOD (ara l-ispjegazzjoni hawn taħt) ikkalibrata mad-*data* tal-konsum tal-unitajiet domestiċi tal-Eurostat skont il-klassifikazzjoni tal-konsum individwali skont l-iskop (COICOP, classification of individual consumption according to purpose) kategorija ta' konsum bi tliet ċifri għas-snin 2017-2018, Bażi ta' *data* tat-Taxxi fl-Ewropa, rati tal-VAT skont il-kategorija tal-konsum b'ħames ċifri ta' COICOP għall-2019-2020. Kalkoli proprji.

**:* Id-differenza kbira bejn l-S-WAR u l-WAR attwali għall-Ġermanja tista' tiġi spjegata bit-tnaqqis tar-rati standard u mnaqqsa tal-VAT fl-2020, mhux riflessi fid-*data* sottostanti l-S-WAR. Il-Ġermanja għalhekk hija eskluża mill-medji u t-totali.

Anness 14 Distribuzzjoni tal-konsum soġġett għall-VAT skont il-kategorija, 2020

	Konsum tal-unitajiet domestiċi	Xiri mill-Gvern	Formazzjoni grossa tal-kapital fiss	Konsum intermedju
Il-Belġju	61 %	4 %	16 %	18 %
Il-Bulgarija	75 %	7 %	5 %	14 %
Iċ-Ċekja	59 %	7 %	13 %	21 %
Id-Danimarka	-	-	-	-
Il-Ġermanja	65 %	5 %	16 %	14 %
L-Estonja	64 %	10 %	17 %	9 %
L-Irlanda	66 %	7 %	16 %	12 %
Il-Greċja	85 %	7 %	4 %	4 %
Spanja	74 %	7 %	11 %	8 %
Franza	62 %	3 %	17 %	17 %
Il-Kroazja	73 %	8 %	9 %	9 %
L-Italja	72 %	7 %	12 %	9 %
Ċipru	59 %	3 %	14 %	24 %
Il-Latvja	75 %	8 %	11 %	6 %
Il-Litwanja	81 %	6 %	8 %	5 %
Il-Lussemburgu	56 %	3 %	6 %	7 %
L-Ungerija	66 %	12 %	15 %	7 %
Malta	76 %	9 %	9 %	6 %
In-Netherlands	60 %	8 %	16 %	16 %
L-Awstrija	77 %	7 %	9 %	7 %
Il-Polonja	73 %	7 %	9 %	11 %
Il-Portugall	75 %	7 %	6 %	12 %
Ir-Rumanija	43 %	5 %	14 %	38 %
Is-Slovenja	70 %	9 %	10 %	10 %
Is-Slovakkja	69 %	6 %	10 %	15 %
Il-Finlandja	62 %	18 %	9 %	11 %
L-Iżvezja	58 %	12 %	18 %	13 %

Sorsi: Id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2020. Kalkoli proprji.

Anness 15 Spjegazzjoni dettaljata tal-kalkolu tar-rata medja ponderata tal-unitajiet domestiċi (HH-WAR)

Dan l-anness jagħti spjegazzjoni dettaljata tar-rata medja ponderata għall-konsum tal-unitajiet domestiċi, imsejħa r-rata medja ponderata tal-unitajiet domestiċi. Huwa l-komponent ewlieni fil-kalkolu tar-rata medja ponderata simplifikata, jiġifieri r-rata medja ponderata simplifikata hija kkalkulata billi tiġi applikata r-rata ta' tkabbir tar-rata medja ponderata tal-unitajiet domestiċi għar-rata medja ponderata (attwali) ta' sena ta' referenza. Din ir-rata medja ponderata tal-unitajiet domestiċi ġiet ikkalkulata mill-JRC f'Sevilla.

Id-*data* sottostanti tan-nefqa tal-konsum tagħha hija derivata mill-EUROMOD, [32]li topera fuq mikrodata mill-istatistika tal-UE dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) u l-Istħarriġ dwar il-Baġits tal-Unitajiet Domestiċi (mewġiet tal-2019 u l-2015, rispettivament, għall-maġġoranza tal-pajjiżi). Dawn ir-riżultati jistgħu jiġu kkalibrati biex jirriflettu ċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali disponibbli mill-Eurostat, imsejħa "Nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi skont l-iskop tal-konsum (COICOP bi 3 ċifri)". Biex tiġi kkalkulata r-rata medja ponderata fis-sena n, l-Istati Membri jużaw *data* dwar il-konsum mis-sena n-2. Dan ifisser li d-*data* tal-konsum tal-kontijiet nazzjonali mis-sena n-2 intużat għall-kalibrazzjoni tad-*data* tal-konsum.

L-istima tar-rata medja ponderata teħtieġ ukoll rati tal-VAT għal kull kategorija ta' konsum, miġbura mil-bażi ta' *data* tat-Taxxi fl-Ewropa u vverifikati mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għal kull kategorija COICOP b'5 ċifri (madwar 200 kategorija għall-maġġoranza tal-pajjiżi), rata waħda tal-VAT tingħata manwalment. Jekk japplikaw diversi rati (pereżempju, minħabba li hemm diversi prodotti fil-grupp ta' kategoriji ta' 5 ċifri, jew ir-rati jvarjaw matul is-sena), tintuża l-aktar rata prevalenti[33].

Il-kategoriji ta' konsum eżentati, li ma jikkontribwixxux għall-bażi tal-VAT, huma identifikati permezz tad-dokument "VAT rates applied in the Member States of the European Union" mid-DĠ TAXUD, għall-2019, u d-Direttiva tal-VAT 2006/112. Dawn l-eżenzjonijiet huma mistennija li jibqgħu kostanti matul is-snin.

Ir-rata medja ponderata tal-unitajiet domestiċi għal kull Stat Membru mbagħad tiġi stmata bħala r-rati impliċiti li jiddividu l-obbligi tal-VAT man-nefqa tal-konsum tal-unitajiet domestiċi:

$$HH\text{-}WAR \quad = \frac{VAT^{NA}}{\left(EXP^{NA} - VAT^{NA}\right)}$$

Meta l-*HH-WAR* hija r-rata medja ponderata tal unitajiet domestiċi għal Stat Membru u sena partikolari; VAT^{NA} u EXP^{NA} huma, rispettivament, l-obbligi totali tal-VAT u n-nefqa totali tal-konsum, ta' kwalunkwe nefqa tal-konsum mhux eżentata mill-VAT. Kategoriji ta' konsum b'rati żero huma inklużi. NA jindikaw li VAT u EXP ġew ikkalibrati għall-kontijiet nazzjonali.

---

[32] L-EUROMOD huwa mudell ta' mikrosimulazzjoni ta' benefiċċji tat-taxxa għall-UE li jippermetti lir-riċerkaturi u lill-analisti tal-politika jikkalkulaw, b'mod komparabbli, l-effetti tat-taxxi u l-benefiċċji fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi u l-inċentivi tax-xogħol għall-popolazzjoni ta' kull pajjiż u għall-UE kollha kemm hi. Ir-riżultati ppreżentati hawn huma bbażati fuq il-verżjoni EUROMOD i6.120. Oriġinarjament miżmum, żviluppat u ġestit mill-Istitut għar-Riċerka Soċjali u Ekonomika, mill-2021 l-EUROMOD ġie miżmum, żviluppat u ġestit mill-JRC, b'kollaborazzjoni mal-Eurostat u timijiet nazzjonali minn pajjiżi tal-UE. Se nibqgħu dejjem grati lejn il-ħafna nies li kkontribwew għall-iżvilupp tal-EUROMOD. Ir-riżultati u l-interpretazzjoni tagħhom huma r-responsabbiltà tal-awtur(i). Aktar informazzjoni: https://euromod-web.jrc.ec.europa.eu/.

[33] Ir-rati għall-2024 ġew rieżaminati minn esperti minn kull Stat Membru. Madankollu, kienu għadhom proviżorji fiż-żmien tal-kalkolu (Lulju 2024) u għalhekk soġġetti għal kontrolli, reviżjonijiet u aġġustamenti sal-ħruġ stabbli li jmiss tal-EUROMOD kmieni fl-2025.

Anness 16 Rati medji ponderati simplifikati għall-2021-2024, bl-użu tal-2019 bħala referenza

Stat Membru	2021	2022	2023	2024
Il-Belġju	16,04 %	15,81 %	15,18 %	14,97 %
Il-Bulgarija	18,98 %	19,32 %	18,69 %	18,54 %
Iċ-Ċekja	17,62 %	17,97 %	17,93 %	17,55 %
Id-Danimarka	25,00 %	25,00 %	25,00 %	25,00 %
Il-Ġermanja	15,76 %	15,82 %	15,85 %	16,24 %
L-Estonja	19,18 %	19,17 %	19,13 %	19,88 %
L-Irlanda	15,07 %	15,67 %	15,19 %	16,11 %
Il-Greċja	17,12 %	17,46 %	17,41 %	17,33 %
Spanja	14,24 %	14,09 %	13,63 %	14,46 %
Franza	15,40 %	15,39 %	15,56 %	15,98 %
Il-Kroazja	19,45 %	18,06 %	18,17 %	18,27 %
L-Italja	15,53 %	15,03 %	15,06 %	14,62 %
Ċipru	12,66 %	12,95 %	12,76 %	11,91 %
Il-Latvja	19,80 %	19,71 %	19,81 %	19,92 %
Il-Litwanja	19,84 %	19,47 %	19,38 %	19,92 %
Il-Lussemburgu	13,34 %	13,46 %	13,03 %	13,66 %
L-Ungerija	22,63 %	23,30 %	23,03 %	22,50 %
Malta	13,50 %	14,31 %	13,84 %	14,05 %
In-Netherlands	16,86 %	17,19 %	17,31 %	16,96 %
L-Awstrija	15,40 %	16,84 %	17,11 %	16,52 %
Il-Polonja	16,97 %	12,99 %	15,47 %	17,52 %
Il-Portugall	16,53 %	16,62 %	16,25 %	16,31 %
Ir-Rumanija	16,73 %	16,67 %	16,99 %	16,84 %
Is-Slovenja	17,27 %	17,23 %	17,52 %	17,59 %
Is-Slovakkja	18,63 %	18,54 %	17,87 %	17,38 %
Il-Finlandja	20,66 %	20,66 %	20,78 %	20,30 %
L-Iżvezja	21,29 %	21,53 %	21,78 %	21,53 %
Medja sempliċi	17,46 %	17,42 %	17,40 %	17,48 %
Medja, ponderata skont il-Bażi tal-VAT	16,34 %	16,14 %	16,23 %	16,45 %

Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea